IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.2.2020
COM(2020) 51 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerka Ċentrali min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

ANNESS

PROTOKOLL
MAL-FTEHIM LI JISTABBILIXXI ASSOĊJAZZJONI
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA,
U L-AMERKA ĊENTRALI, MIN-NAĦA L-OĦRA,
BIEX TITQIES L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA
MAL-UNJONI EWROPEA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea minn hawn ’il quddiem “l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea”,

kif ukoll

L-UNJONI EWROPEA,

flimkien imsejħa “il-Parti tal-UE”

min naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KOSTA RIKA,

IR-REPUBBLIKA TA’ EL SALVADOR,

IR-REPUBBLIKA TAL-GWATEMALA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ĦONDURAS,

IR-REPUBBLIKA TAN-NIKARAGWA,

IR-REPUBBLIKA TAL-PANAMA,

minn hawn’ il quddiem imsejħa wkoll l-Amerka Ċentrali,

min-naħa l-oħra,

BILLI l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerka Ċentrali min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), ġie ffirmat f'Tegucigalpa fid-29 ta' Ġunju 2012 u l-Parti IV tiegħu (Kummerċ) ġiet applikata skont l-Artikolu 353(4) tal-Ftehim bejn il-Parti tal-UE u l-Honduras, in-Nikaragwa u l-Panama sa mill-1 ta' Awwissu 2013, bejn il-Parti tal-UE u l-Costa Rica u l-El Salvador sa mill-1 ta' Ottubru 2013 u bejn il-Parti tal-UE u l-Gwatemala sa mill-1 ta' Diċembru 2013;

BILLI t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kroazja") mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat ta' Adeżjoni") kien iffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja mehmuż mat-Trattat ta' Adeżjoni, l-adeżjoni tagħha għall-Ftehim trid tiġi formalizzata permezz tal-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim;

BILLI l-Artikolu 358(2) tal-Ftehim jistipula li l-Partijiet jistgħu jaqblu dwar kwalunkwe emenda tal-Ftehim, u l-Artikolu 359 tal-Ftehim jipprevedi l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-UE u jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jindirizzaw l-effetti ta' tali adeżjoni fuq il-Ftehim,

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

TAQSIMA I

IL-PARTIJIET

ARTIKOLU 1

Il-Kroazja qiegħda b'dan issir Parti għall-Ftehim u għandha tiżdied mal-lista tal-Partijiet fil-Ftehim.

TAQSIMA II

IT-TNEĦĦIJA TAD-DAZJI DOGANALI

TRATTAMENT SPEĊJALI GĦALL-BANANA

ARTIKOLU 2

It-tabella taħt il-punt 1 tal-Appendiċi 3 tal-Anness I (it-Tneħħija tad-Dazji Doganali) tal-Ftehim għandha tiġi sostitwita mit-Tabella tal-Anness I ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA III

RIGWARD ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI" U L-METODI TA' KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

ARTIKOLU 3

L-Artikoli 16(4) u 17(2) tal-Anness II (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva) tal-Ftehim huma b'dan emendati skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 4

L-Appendiċi 4 (Dikjarazzjoni fuq Fattura) tal-Anness II tal-Ftehim għandu jkun sostitwit bl-Anness II ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 5

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jistgħu jiġu applikati għall-prodotti oriġinarji mill-Amerka Ċentrali għall-Kroazja jew mill-Kroazja għall-Amerka Ċentrali, li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness II tal-Ftehim u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll kienu jew fi tranżitu, jew maħżuna temporanjament f'maħżen doganali ta' Partijiet, jew f'żona ħielsa fl-Amerka Ċentrali jew fil-Kroazja.

2. Trattament preferenzjali għandu jingħata f'każijiet bħal dawn, soġġett għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali mill-Parti li timporta, fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, ta' prova tal-oriġini magħmula retrospettivament fil-Parti li tesporta.

TAQSIMA IV

L-ISTABBILIMENT, IL-KUMMERĊ FIS-SERVIZZI U L-KUMMERĊ ELETTRONIKU

ARTIKOLU 6

It-Taqsima A tal-Anness X (Lista ta' Impenji dwar l-Istabbiliment) tal-Ftehim għandha tiġi sostitwita mid-dispożizzjonijiet tal-Anness IV ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 7

It-Taqsima A tal-Anness XI (Lista ta' Impenji dwar l-Għoti ta' Servizzi Transfruntier) mal-Ftehim għandha tiġi sostitwita bid-dispożizzjonijiet tal-Anness V ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 8

L-Anness XII (Riżervi dwar il-Persunal Prinċipali u t-Trainees Gradwati tal-Parti tal-UE) tal-Ftehim għandu jiġi sostitwit mid-dispożizzjonijiet tal-Anness VI ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 9

L-Anness XV (Punti ta' Informazzjoni) tal-Ftehim għandu jiġi sostitwit mid-dispożizzjonijiet tal-Anness VII ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA V

AKKWIST PUBBLIKU

ARTIKOLU 10

1. L-entitajiet tal-Kroazja elenkati fl-Anness VIII ta' dan il-Protokoll għandhom jiżdiedu mal-lista intitolata "Listi Indikattivi tal-Awtoritajiet Kontraenti li huma l-Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali kif definit bid-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist" fl-Iskeda G tal-Parti tal-UE fit-Taqsima A tal-Appendiċi 1 (Kopertura) tal-Anness XVI (Akkwist Pubbliku) tal-Ftehim.

2. Il-lista intitolata “Lista ta’ Provvisti u ta’ Tagħmir mixtrija mill-Ministeri tad-Difiża u l-Aġenziji għall-Attivitajiet ta’ Difiża jew ta’ Sigurtà fil-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit li huma koperti mit-Titolu” fl-Iskeda G tal-Parti tal-UE fit-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XVI tal-Ftehim għandha tinkludi wkoll il-Kroazja u t-titolu tagħha għandu jsir “Lista ta’ Provvisti u ta’ Tagħmir mixtrija mill-Ministeri tad-Difiża u l-Aġenziji għall-Attivitajiet ta’ Difiża jew Sigurtà fil-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit li huma koperti mit-Titolu”.

3. L-entitajiet tal-Kroazja elenkati fl-Anness IX ta’ dan il-Protokoll għandhom jiżdiedu mal-lista intitolata “Listi Indikattivi tal-Awtoritajiet Kontraenti li huma Korpi Rregolati bil-Liġi Pubblika kif definit bid-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist” fl-Iskeda G tal-Parti tal-UE fit-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness XVI tal-Ftehim.

4. L-entitajiet tal-Kroazja elenkati fl-Anness X ta’ dan il-Protokoll għandhom jiżdiedu mal-lista intitolata “Listi Indikattivi ta’ Awtoritajiet Kontraenti u ta’ Impriżi Pubbliċi li jissodisfaw il-Kriterji stabbiliti fit-Taqsima C” taħt it-taqsima relevanti fl-Iskeda G tal-Parti tal-UE fit-Taqsima C tal-Appendiċi 1 tal-Anness XVI tal-Ftehim.

5. Il-lista tal-midja għall-mezzi ta' pubblikazzjoni rigward informazzjoni dwar l-akkwist prevista fl-Appendiċi 2 (Il-midja għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-akkwist) tal-Anness XVI tal-Ftehim għandha tiġi sostitwita bil-lista fl-Anness XI ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA VI

WTO

ARTIKOLU 11

Ir-Repubbliki tal-Parti tal-AĊ (Amerika Ċentrali) ħadu l-impennn li ma jagħmlu l-ebda pretensjoni, talba jew referenza u lanqas li jimmodifikaw jew jirtiraw xi konċessjoni skont l-Artikoli XXIV.6 u XXVIII tal-GATT tal-1994 jew l-Artikolu XXI tal-GATS f'dak li jirrigwarda l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

TAQSIMA VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 12

1. Il-Partijiet għandhom japprovaw il-Protokoll skont il-proċeduri legali interni tagħhom.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih il-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri legali interni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Minkejja l-paragrafu 2, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jistgħu jiġu applikati mill-Unjoni Ewropea u minn kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-AĊ mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha jkunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri legali interni neċessarji għal dan il-għan.

4. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jintbagħtu, fil-każ tal-Parti tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u, fil-każ tar-Repubbliki tal-Parti tal-AĊ, lis-Secretaría General del Sistema de la Integración Centroamericana (SG-SICA), li għandhom ikunu d-depożitarji ta' dan il-Protokoll.

5. Il-partijiet li għalihom daħal fis-seħħ dan il-Protokoll jistgħu jużaw ukoll materjal li joriġina minn Repubblika tal-Parti tal-AĊ li għaliha dan il-Protokoll mhux fis-seħħ.

6. Meta f'konformità mal-paragrafu 3, tiġi applikata dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll mill-Partijiet sakemm jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, kwalunkwe referenza f'din id-dispożizzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għandha tinftiehem li tirreferi għad-data li minnha l-Partijiet jaqblu li japplikaw din id-dispożizzjoni f'konformità mal-paragrafu 3.

ARTIKOLU 13

Dan il-Protokoll huwa mfassal b'mod duplikat bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Netherlandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun awtentiku l-istess.

Il-Parti tal-UE għandha tikkomunika l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Ftehim lir-Repubbliki tal-Parti tal-AĊ. Skont meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll, il-verżjoni bil-lingwa Kroata għandha ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet ta' dawk li nkitbu bil-lingwi preżenti ta' dan il-Protokoll. L-Artikolu 363 tal-Ftehim huwa emendat kif meħtieġ.

ARTIKOLU 14

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim. L-Annessi ta' dan il-Protokoll għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

B'XHIEDA TA' DAN, il-plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, awtorizzat għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ duplikati fi [...], fi [...] tax-xahar ta' [...] tal-201 [...].

B’XHIEDA TA’ DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi ……., f’dan …… jum ta’ ..... fis-sena .....

[…]

Għar-Repubblika tal-Costa Rica

[…]

Għar-Repubblika ta’ El Salvador

[…]

Għar-Repubblika tal-Gwatemala

[…]

Għar-Repubblika tal-Honduras

[…]

Għar-Repubblika tan-Nikaragwa

[…]

Għar-Repubblika tal-Panama

[…]

Għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

ANNESS I

(Anness I tal-Ftehim)

Appendiċi 3

TRATTAMENT SPEĊJALI GĦALL-BANANA

1. Għall-prodott agrikolu li joriġina fl-Amerka Ċentrali taħt l-intestatura 0803.00.19 tan-Nomenklatura Magħquda (Banana friska, minbarra pjantaġġini) u elenkata fil-kategorija "ST" fl-Iskeda tal-Parti tal-UE, għandu japplika d-dazju doganali preferenzjali li ġej:

Sena	Dazju doganali preferenzjali	Volum ta' importazzjoni definit, f'tunnellati					
	(f'EUR/t)	Il-Costa Rica	Il-Panama	Il-Honduras	Il-Gwatemala	In-Nikaragwa	El Salvador
Sal-31 ta' Diċembru 2010	145	1 025 000	375 000	50 000	50 000	10 000	2 000
1.1-31.12.2011	138	1 076 250	393 750	52 500	52 500	10 500	2 100

Sena	Dazju doganali preferenzjali	Volum ta' importazzjoni definit, f'tunnellati					
	(f'EUR/t)	Il-Costa Rica	Il-Panama	Il-Honduras	Il-Gwatemala	In-Nikaragwa	El Salvador
1.1-31.12.2012	131	1 127 500	412 500	55 000	55 000	11 000	2 200
1.1-31.12.2013	124	1 178 750	431 250	57 500	57 500	11 500	2 300
1.1-31.12.2014	117	1 254 419	458 934	61 191	61 191	12 238	2 448
1.1-31.12.2015	110	1 301 599	476 195	63 493	63 493	12 699	2 540
1.1-31.12.2016	103	1 349 942	493 881	65 851	65 851	13 170	2 634
1.1-31.12.2017	96	1 397 316	511 213	68 162	68 162	13 632	2 726
1.1-31.12.2018	89	1 444 767	528 573	70 476	70 476	14 095	2 819
1.1-31.12.2019	82	1 493 881	546 542	72 872	72 872	14 574	2 915
1.1.2020 u wara	75	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli

ANNESS II

(Anness II tal-Ftehim)

TITOLU IV

PROVA TAL-ORIĠINI

1. L-Artikolu 16(4) tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

(…)

Iċ-"Ċertifikati tal-moviment EUR. 1 maħruġa b'mod retrospettiv iridu jkunu annotati bil-frażi "maħruġa retrospettivament" f'waħda minn dawn il-lingwi:

BG 'ИЗДАДЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ'

ES 'EXPEDIDO A POSTERIORI'

CS 'VYSTAVENO DODATEČNE'

DA 'UDSTEDT EFTERFØLGENDE'

DE 'NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT'

ET 'TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD'

EL 'ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ'

EN ‘ISSUED RETROSPECTIVELY’

FR ‘DÉLIVRÉ A POSTERIORI’

HR ‘NAKNADNO IZDANO’

IT ‘RILASCIATO A POSTERIORI’

LV ‘IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI’

LT ‘RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS’

HU ‘KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL’

MT ‘MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT’

NL ‘AFGEGEVEN A POSTERIORI’

PL ‘WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE’

PT ‘EMITIDO A POSTERIORI’

RO ‘EMIS A POSTERIORI’

SK ‘VYDANÉ DODATOČNE’

SL ‘IZDANO NAKNADNO’

FI ‘ANNETTU JÄLKIKÄTEEN’

SV ‘UTFÄRDAT I EFTERHAND’”.

2. L-Artikolu 17(2) tal-Anness II (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett tal-“Prodotti Oriġinarji” u l-Metodi ta’ Kooperazzjoni Amministrattiva) tal-Ftehim għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej.

(…)

“Id-duplikat maħruġ b’dan il-mod irid jiġi annotat bil-kelma “duplikat” f’waħda minn dawn il-lingwi:

BG ‘ДУБЛИКАТ’

ES ‘DUPLICADO’

CS ‘DUPLIKÁT’

DA ‘DUPLIKAT’

DE ‘DUPLIKAT’

ET ‘DUPLIKAAT’

EL ‘ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ’

EN ‘DUPLICATE’

FR ‘DUPLICATA’

HR ‘DUPLIKAT’

IT ‘DUPLICATO’

LV ‘DUBLIKĀTS’

LT ‘DUBLIKATAS’

HU ‘MÁSODLAT’

MT ‘DUPLIKAT’

NL ‘DUPLICAAT’

PL ‘DUPLIKAT’

PT ‘SEGUNDA VIA’

RO ‘DUPLICAT’

SK ‘DUPLIKÁT’

SL ‘DVOJNIK’

FI ‘KAKSOISKAPPALE’

SV ‘DUPLIKAT’”.

ANNESS III

(Anness II tal-Ftehim)

Appendiċi 4

DIKJARAZZJONI FUQ FATTURA

Ir-rekwiżiti speċifiċi għat-tfassil ta' dikjarazzjoni fuq il-fattura

Dikjarazzjoni fuq fattura, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha tinħareġ permezz ta' waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-pajjiż li jesporta. Jekk id-dikjarazzjoni tinkiteb bl-idejn, din għandha tinkiteb bil-linka u b'ittri kapitali. Id-dikjarazzjoni fuq il-fattura trid tinkiteb f'konformità man-noti ta' qiegħ il-paġna rispettivi. In-noti ta' qiegħ il-paġna ma hemmx għalfejn ikunu riprodotti.

Verżjoni Bulgara

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (разрешение № … от митница или от друг компетентен държавен орган (1)) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с …(2) преференциален произход.

Verżjoni Spanjola

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera o de la autoridad pública competente n° …(1)) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial …(2).

Verżjoni Ċeka

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení celního nebo příslušného vládního orgánu …(1)) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v …(2).

Verżjoni Daniża

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes eller den kompetente offentlige myndigheds tilladelse nr. …(1)) erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i …(2).

Verżjoni Ġermaniża

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligung der Zollbehörde oder der zuständigen Regierungsbehörde Nr. …(1)) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anders angegeben, präferenzbegünstigte Ursprungswaren …(2) sind.

Verżjoni Estonjana

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti või pädeva valitsusasutuse luba nr. …(1)) deklareerib, et need tooted on …(2) sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni Griega

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου ή της καθύλην αρμόδιας αρχής, υπ΄αριθ. …(1)) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής …(2).

Verżjoni Ingliża

The exporter of the products covered by this document (customs or competent public authority authorisation No ...(1)) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ... preferential origin(2).

Verżjoni Franċiża

L’exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière ou de l’autorité publique compétente n° …(1)) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l’origine préférentielle …(2).

Verżjoni Kroata

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. …(1)) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi …(2) preferencijalnog podrijetla.'

Verżjoni Taljana

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale o dell'autorità pubblica competente n. …(1)) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale …(2).

Verżjoni Latvjana

To produktu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas vai kompetentu valsts iestāžu atlauja Nr. …(1)), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir preferenciāla izcelsme …(2).

Verżjoni Litwana

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės arba kompetentingos viešosios valdžios institucijos liudijimo Nr. …(1)) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …(2) preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni Ungeriża

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: …(1) vagy az illetékes kormányzati szerv által kiadott engedély száma: …) kijelentem, hogy eltérő jelzs hiányában az áruk kedvezményes … származásúak(2).

Verżjoni Maltija

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni kompetenti tal-gvern jew tad-dwana nru … (1)) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod car li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' origini preferenzjali … (2).

Verżjoni Netherlandiża

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning of vergunning van de competente overheidsinstantie nr. …(1)) verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn (2).

Verżjoni Pollakka

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych lub upoważnienie właściwych władz nr … (1)) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … (2) preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni Portugiża

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira ou da autoridade governamental competente n° … (1)) declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial … (2).

Verżjoni Rumena

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizaţia vamală sau a autorităţii guvernamentale competente nr. … (1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferenţială … (2).

Verżjoni Slovakka

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia colnej správy alebo príslušného vládneho povolenia …(1)) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …(2).

Verżjoni Slovena

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom, (pooblastilo carinskih ali pristojnih državnih organov št. …(1))izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno …(2) poreklo.

Verżjoni Finlandiża

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin tai toimivaltaisen julkisen viranomaisen lupa nro …(1)) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … alkuperätuotteita(2).

Verżjoni Żvediża

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd eller behörig statlig myndighet nr. __.[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ___ ursprung[2]

……[3]

(Post u data)

……....[4]

(Il-firma tal-esportatur; flimkien mal-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni għandhom ikunu indikati b'kitba ċara)

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni fuq fattura ssir minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tal-Anness II, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat għandu jitniżżel f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni fuq fattura ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi għandu jitħalla barra jew inkella l-ispazju jitħalla vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti trid tiġi indikata. Meta dikjarazzjoni fuq fattura jkollha x'taqsam, totalment jew parzjalment, ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tal-Anness II, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

(3) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu ma jiddaħħlux jekk it-tagħrif ikun jinsab fid-dokument innifsu.

(4) Ara l-Artikolu 19, il-paragrafu 5 tal-Anness II tal-Ftehim. F'każijiet fejn l-esportatur ma għandux għalfejn jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll eżenzjoni mill-isem tal-firmatarju.

ANNESS IV

(Anness X tal-Ftehim)

LISTA TA' IMPENJI FUQ L-ISTABBILIMENT

TAQSIMA A

IL-PARTI TAL-UE

1. Il-lista ta' impenji li tinsab hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi li ġew liberalizzati skont l-Artikolu 166 ta' dan il-Ftehim u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u għat-trattament nazzjonali applikabbli għall-istabbilimenti u l-investituri tar-Repubbliki tal-Parti tal-AĊ f'dawn l-attivitajiet. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) L-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur li l-Parti tieħu impenn fih, u l-kamp ta' applikazzjoni liberalizzat li għalih japplikaw ir-riservi;

   (b) It-tieni kolonna tiddeskrivi r-riżervi applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija f'(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jkunu ħadu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (N.B. in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu mingħajr ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw).

Is-setturi jew is-subsetturi mhux imsemmija fil-lista ta' hawn taħt ma sarux impenji għalihom.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fid-Dokumenti Statistiċi, is-Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti;

(b) CPC (Central Product Classification) tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stipulat fid-Dokumenti Statistiċi, is-Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) CPC ver. 1.0 tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali kif stipulat fid-Dokumenti Statistiċi, is-Serje M, Nru 77, CPC ver. 1.0, 1998, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-lista hawn taħt ma tinkludix miżuri marbuta mar-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kwalifikazzjoni, mal-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta ma jikkostitwixxux limitu għall-aċċess tas-suq jew għat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 164 u 165 tal-Ftehim. Dawn il-miżuri (pereżempju l-ħtieġa għal liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li tgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inkluż tal-lingwa, ir-rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jsirux f'żoni ambjentali protetti jew żoni ta' interess storiku jew artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-investituri tal-Parti l-oħra.

4. Skont l-Artikolu 159, il-paragrafu 3 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.

5. Skont l-Artikolu 164 ta' dan il-Ftehim, ir-rekwiżiti mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tip ta' forma ġuridika ta' stabbiliment mhumiex inklużi fil-lista ta' hawn taħt.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandu jkollhom l-ebda effett ta' eżekuzzjoni awtomatika, u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew lil persuni ġuridiċi individwali.

7. It-taqsiriet li ġejjin qed jintużaw fil-lista li tinsab hawn taħt:

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
UE	Il-Parti tal-UE
ES	Spanja
EE	L-Estonja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
EL	Il-Greċja
HR	Il-Kroazja

HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SK	Ir-Repubblika Slovakka
SI	Is-Slovenja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Propjetà immobbli AT, BG, CY, CZ, DK, EE, ES, EL, FI, HR, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Restrizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' art u ta' proprjetà immobbli minn investituri barranin[1].
IS-SETTURI KOLLHA	Utilitajiet Pubbliċi UE: Attivitajiet ekonomiċi kkunsidrati bħala utilitajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati[2].

1 Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

2 Peress li l-utilitajiet pubbliċi spiss jeżistu wkoll fuq livell subċentrali, mhuwiex prattiku l-elenkar dettaljat u eżawrjenti li jkun speċifiku għas-settur. Għall-faċilitazzjoni tal-fehim, in-noti ta' qiegħ il-paġna speċifiċi f'din il-lista ta' impenji jindikaw b'mod illustrattiv u mhux eżawrjenti dawn is-setturi fejn l-utilitajiet pubbliċi għandhom rwol ewlieni.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Tipi ta’ stabbiliment UE: It-trattament li jingħata lil sussidjarji (ta’ kumpaniji ta’ pajjiżi terzi) stabbiliti skont il-liġi ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fit-territorju tal-Unjoni Ewropea mhuwiex estiż għall-fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minn kumpanija ta’ pajjiż terz. BG: L-istabbiliment ta’ fergħat huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni. EE: Minn tal-inqas nofs il-membri tal-bord ta’ ġestjoni għandu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-UE. FI: Barrani li jkun qed iwettaq attività kummerċjali bħala sieħeb f’kumpanija Finlandiża b’responsabbiltà limitata jew f’soċjetà f’isem kollettiv jeħtieġ permess kummerċjali u jrid ikun resident permanenti fl-Unjoni Ewropea. Għas-setturi kollha minbarra s-servizzi ta’ telekomunikazzjoni, hemm kundizzjoni marbuta man-nazzjonalità u rekwiżit ta’ residenza għal tal-inqas nofs il-membri ordinarji u deputati tal-Bord tad-Diretturi. Madankollu jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għall-kumpaniji. Jekk organizzazzjoni barranija għandha l-għan li tkompli negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, huwa meħtieġ permess għall-kummerċ. Permess biex taġixxi bħala fundatur ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata hu meħtieġ għal organizzazzjoni barranija jew persuna privata, li mhijiex ċittadin tal-UE. Għal servizzi ta’ telekomunikazzjoni, residenza permanenti għal nofs il-fondaturi u nofs il-membri tal-bord tad-diretturi hija meħtieġa. Jekk il-fundatur huwa persuna ġuridika, ir-rekwiżit ta’ residenza għal din il-persuna ġuridika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	IT: Aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali hu soġġett għal permess ta' residenza u awtorizazzjoni speċifika għat-twettiq tal-attività. BG, PL: Il-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' uffiċċju rappreżentattiv jista' jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija omm barranija rrappreżentata mill-uffiċċju. PL: Bl-eċċezzjoni tas-servizzi finanzjarji, ma hemmx restrizzjonijiet għall-fergħat. Investituri mhux mill-UE jistgħu jassumu u jwettqu attivitajiet ekonomiċi fl-għamla ta' soċjetà limitata, kumpanija limitata b'ishma konġunti, kumpanija b'responsabilità limitata, u kumpanija b'ishma konġunti biss (fil-każ ta' servizzi legali fil-forma ta' sħubija rreġistrata u soċjetà limitata biss). RO: L-amministrattur uniku jew il-President tal-Bord Amministrattiv kif ukoll nofs l-għadd totali ta' amministratturi tal-kumpaniji kummerċjali għandhom jkunu ċittadini Rumeni sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	SE: Kumpanija barranija (li ma għandhiex entità ġuridika stabbilita fl-Iżvezja) għandha twettaq in-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'maniġment indipendenti u bil-kotba miżmumin separati. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżentati mir-rekwiżiti għall-istabbiliment ta' fergħa jew għall-ħatra ta' rappreżentant residenti. Kumpanija b'responsabilità limitata (kumpanija b'ishma konġunti) tista' tiġi stabbilita minn fundatur wieħed jew iktar. Parti fundatriċi għandha tkun residenti fl-Iżvezja jew inkella tkun entità ġuridika Żvediża. Soċjetà ta' persuni tista' tista' tkun il-parti fundatriċi biss jekk kull wieħed mis-sħab ikun residenti fl-Iżvezja. Jeżistu kundizzjonijiet korrispondenti għall-istabbiliment ta' kull tip ieħor ta' entità ġuridika. Mill-anqas ħamsin fil-mija mill-membri tal-bord għandhom ikunu residenti fl-Iżvezja. Ċittadini barranin jew Żvediżi li ma jgħixux fl-Iżvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandhom jaħtru u jirreġistraw mal-awtorità lokali rappreżentant residenti għal dawn l-attivitajiet. Il-kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jitneħħew jekk jintwera li mhumiex meħtieġa għal każ partikolari. SI: L-istabbiliment ta' fergħat minn kumpaniji barranin huwa kkundizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija omm f'reġistru tal-qorti tal-pajjiż tal-oriġini għal tal-anqas sena. SK: Persuna fiżika barranija li isimha għandu jkun irreġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala l-persuna li hija awtorizzata biex taġixxi f'isem imprenditur, hija obbligata tissottometti talba għall-permess tar-residenza fir-Repubblika Slovakka.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Investiment ES: Investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin (li għandu għandu t-tendenza jimplika apparti interessi ekonomiċi, interessi mhux ekonomiċi daparti tal-entità), b'mod dirett jew bis-saħħa ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern. BG: F'impriżi fejn is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital ta' ekwità jaqbeż it-tletin fil-mija, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lill-partijiet terzi jeħtieġ awtorizzazzjoni. Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà pubblika jew tal-Istat huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. Investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fi privatizzazzjoni. Investituri barranin u persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni ta' kontroll barranija jeħtieġu permess għal a) tiftix, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-baħar territorjali, il-blata kontinentali jew iż-żona ekonomika esklużiva u b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe attività speċifikata f'a).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	FR: Xiri barrani li jaqbeż it-33,33 fil-mija tal-ishma tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot f'intrapriżi Franċiżi eżistenti, jew l-għoxrin fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huma suġġetti għar-regolamenti li ġejjin: – investimenti ta' anqas minn 7,6 miljun Euro f'impriżi Franċiżi li għandhom fatturat li ma jaqbiżx l-EUR 76 miljun huma ħielsa, wara tul ta' żmien ta' ħmistax-il jum wara notifika minn qabel u verifika li dawn l-ammonti ntlaħqu; – kif jgħaddi xahar min-notifika minn qabel, tingħata awtorizzazzjoni taċita lil investimenti oħra ħlief jekk il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt tiegħu li jipposponi l-investiment. Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati reċentament tista' tkun limitata sa ammont varjabbli, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skont kull każ, mill-ekwità offruti lill-pubbliku. Għall-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, awtorizzazzjoni speċifika hi meħtieġa jekk id-direttur maniġerjali mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza permanenti.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	FI: L-akkwist ta’ ishma minn proprjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot f’kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti (b’iżjed minn 1000 impjegat jew b’fatturat ta’ iżjed minn EUR 168 miljun jew b’bilanċ totali ta’ iżjed minn EUR 168 miljun) huwa soġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista’ tiġi miċħuda biss jekk tkun ta’ theddida għal xi interess nazzjonali importanti. Dawn il-limitazzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni. HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f’kumpaniji privatizzati reċentement. IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklużivi għal kumpaniji privatizzati reċentement. Id-drittijiet tal-vot f’kumpaniji privatizzati reċentement jistgħu jkunu ristretti f’xi każijiet. Għal perjodu ta’ ħames snin, l-akkwist ta’ ammonti kbar ta’ ekwità f’kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista’ jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.
IS-SETTURI KOLLHA	Żoni ġeografiċi FI: Fil-gżejjer Åland, limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment ta’ persuni fiżiċi li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f’Åland jew ta’ persuni ġuridiċi mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
1. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA	
A. L-agrikoltura, il-kaċċa (ISIC rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza[1]	AT, HR, HU, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet agrikoli. CY: Il-parteċipazzjoni mhux mill-UE tista' ssir sa 49 fil-mija. FR: L-istabbiliment ta' impriżi agrikoli minn cittadini mhux tal-UE u l-akkwiżizzjoni ta' vinji minn investituri mhux mill-UE huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni. IE: L-istabbiliment minn residenti mhux tal-UE f'attivitajiet tat-tħin tad-dqiq hu soġġett għall-awtorizzazzjoni.
B. Forestrija u l-qtugħ ta' siġar (ISIC rev 3.1: 020) minbarra servizzi ta' pariri u ta' konsulenza[2]	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal qtugħ ta' siġar.

[1] Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa, il-foresterija u s-sajd jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.f) u 6.F.g).

[2] Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati ma' agrikoltura, kaċċa, foresterija u sajd jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.f) u 6.F.g).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
2. Sajd u akkwakultura (ISIC rev.3.1: 0501, 0502) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza[1]	AT: Tal-inqas 25 fil-mija mill-bastimenti jridu jkunu reġistrati fl-Awstrija. BE, FI, IE, LV, NL, PT, SK: Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Belġju, fil-Finlandja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fin-Netherlands, fil-Portugall u fir-Repubblika Slovakka rispettivament ma jistgħux ikunu propjetarji ta' bastimenti b'bandiera Belġjana, Finlandiża, Irlandiża, Latvjana, Olandiża, Portugiża u Slovakka rispettivament. CY, EL: Il-parteċipazzjoni mhux mill-UE tista' ssir sa disgħa u erbgħin fil-mija. DK: Ir-residenti mhux mtal-UE ma jistgħux jikkontrollaw terz jew aktar minn negozju ta' sajd kummerċjali. Residenti mhux tal-UE ma jistgħux jkunu propjetarji ta' bastimenti b'bandiera Daniża ħlief jekk mhux permezz ta' impriża inkorporata fid-Danimarka. FR: Ċittadini mhux tal-UE ma jistgħux jipparteċipaw fil-proprjetà marittima tal-Istat għat-tkabbir ta' ħut/frott tal-baħar bil-qoxra/algi. Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Franza ma jistgħux ikunu propjetarji ta' aktar minn ħamsin fil-mija ta' bastiment bil-bandiera Franċiża.

[1] Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati ma' agrikoltura, kaċċa, foresterija u sajd jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.f) u 6.F.g).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	DE: Liċenzja għas-sajd fil-baħar tingħata biss lil bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja. Dawn huma bastimenti tas-sajd li l-maġġoranza tal-ishma tagħhom ikunu proprjetà ta' ċittadini tal-UE jew ta' kumpaniji stabbiliti skont ir-regoli tal-UE u li jkollhom il-post tan-negozju prinċipali tagħhom fi Stat Membru. L-użu tal-bastimenti jrid ikun immexxi u ssorveljat minn persuni residenti fil-Ġermanja. Sabiex tinkiseb liċenzja tas-sajd, kull bastiment tas-sajd irid jirreġistra mal-istati kostali rilevanti fejn il-bastimenti jkollhom il-port ewlieni tagħhom. EE: Il-bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera tal-Estonja jekk jinsabu fl-Estonja u l-maġġoranza tal-proprjetà hija ta' ċittadini Estonjani f'kumpaniji f'isem kollettiv u b'responsabbiltà limitata, jew entitatjiet legali oħra li jinsabu fl-Estonja bil-maġġoranza tal-voti f'idejn ċittadini Estonjani fil-Bord Maniġerjali. BG, HR, HU, LT, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet. IT: Il-barranin li mhumiex residenti tal-UE ma jistax ikollhom interess maġġoritarju f'bastimenti li jtajru l-bandiera Taljana jew interess kontrollanti f'kumpaniji li għandhom is-sjieda tal-bastimenti u l-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Italja. Sajd f'ibħra territorjali Taljani hu riżervat għall-bastimenti bil-bandiera Taljana.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	SE: Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali fl-Iżvezja ma jistgħux ikunu propjetarji ta' aktar minn ħamsin fil-mija ta' bastiment bil-bandiera Żvediża. L-akkwist minn investituri barranin ta' ħamsin fil-mija jew aktar ta' ishma f'kumpaniji li jipparteċipaw f'attivitajiet tas-sajd f'ibħra Żvediżi jeħtieġ l-awtorizzazzjoni. SI: Il-bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera Slovena jekk aktar min-nofs il-bastiment ikun proprjetà ta' ċittadini tal-UE jew ta' persuni ġuridiċi li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi Stat Membru tal-UE. UK: Riżerva fuq l-akkwist ta' bastimenti bil-bandiera tar-Renju Unit, sakemm tal-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija mill-investiment ma jkunx jappartjeni għal ċittadini Brittanniċi u/jew għal kumpaniji li mill-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija tagħhom ikun jappartjeni għal ċittadini Brittanniċi, u fil-każijiet kollha jridu jkunu residenti u jgħixu fir-Renju Unit. Il-bastimenti jridu jkunu ġestiti, taħt id-direzzjoni u kkontrollati mir-Renju Unit.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
3. MINJIERI U BARRIERI[1] A. Tħaffir fil-minjieri għall-faħam u l-lignite; estrazzjoni ta' pit (ISIC rev 3.1: 10) B. Estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali[2] (ISIC rev 3.1: 1110) C. Minjieri ta' minerali metalliċi (ISIC rev 3.1: 13) D. Xogħlijiet oħrajn fil-minjieri u fil-barrieri (ISIC rev 3.1: 14)	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni). Mingħajr restrizzjonijiet għall-estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali. ES: Mingħajr restrizzjonijiet għall-investiment barrani f'minerali strateġiċi.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Ma jinkludix servizzi anċillari għall-minjieri fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt f'impjanti taż-żejt u gass li jinstabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.A.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
4. MANIFATTURA[1]	
A. Manifattura ta’ prodotti tal-ikel u xorb (ISIC rev 3.1: 15)	Ebda.
B. Manifattura ta’ prodotti tat-tabakk (ISIC rev 3.1: 16)	Ebda.
C. Manifattura ta’ tessuti (ISIC rev 3.1: 17)	Ebda.
D. Manifattura tal-ħwejjeġ li jintlibsu; il-preparazzjoni u t-tiżbigħ tal-fer (ISIC rev 3.1: 18)	Ebda.

[1] Ma jinkludix servizz ta’ konsulenza inċidentali dwar il-manifattura, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.h).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Kunzatura u l-irfinar tal-ġilda; manifattura ta’ bagalji, basktijiet, prodotti tas-sruġ, xdud u żraben (ISIC rev 3.1: 19)	Ebda.
F. Manifattura ta’ injam u ta’ prodotti tal-injam u s-sufra, minbarra l-għamara; manifattura ta’ oġġetti tat-tiben u ta’ materjali li jinħadmu f’malji (ISIC rev 3.1: 20)	Ebda.
G. Manifattura ta’ karta u prodotti tal-karti (ISIC rev 3.1: 21)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata[1] (ISIC rev 3.1: 22, minbarra l-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt[2])	HR: Rekwiżit tar-residenza. IT: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għal sid il-kumpanija tal-pubblikazzjoni u l-istampar.
I. Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk (ISIC rev 3.1: 231)	Ebda.
J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat[3] (ISIC rev 3.1: 232)	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).

1 Is-settur huwa limitat għal attivitajiet ta' manifattura. Dan ma jinkludix attivitajiet li huma awdjoviżivi jew li jippreżentaw kontenut kulturali.

2 Il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.p).

3 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
K. Manifattura ta’ kimiki u ta’ prodotti kimiċi għajr splussivi (ISIC rev 3.1: 24 eskluża l-manifattura tal-isplussivi)	Ebda.
L. Manifattura ta’ prodotti tal-gomma u tal-plastik (ISIC rev 3.1: 25)	Ebda.
M. Manifattura ta’ prodotti minerali oħra mhux metalliċi (ISIC rev 3.1: 26)	Ebda.
N. Manifattura ta’ metalli bażiċi (ISIC rev 3.1: 27)	Ebda.
O. Manifattura ta’ prodotti ta’ metall fabbrikat, minbarra makkinarju u tagħmir (ISIC rev 3.1: 28)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
P. Manifattura ta’ makkinarju	
a) Manifattura ta’ makkinarju għal għanijiet ġenerali (ISIC rev 3.1: 291)	Ebda.
b) Manifattura ta’ makkinarju bi skopijiet speċjali minbarra armi tan-nar u munizzjonijiet (ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929)	Ebda.
c) Manifattura ta’ apparat domestiku n.e.c. (ISIC rev 3.1: 293)	Ebda.
d) Manifattura ta’ makkinarju għall-uffiċċju, għaż-żamma tal-kotba u għal xogħol tal-kompjuters (ISIC rev 3.1: 30)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
e) Manifattura ta’ makkinarju u apparat tal-elettriku n.e.c. (ISIC rev 3.1: 31)	Ebda.
f) Manifattura ta’ tagħmir u apparat għar-radju, it-televiżjoni u l-komunikazzjoni (ISIC rev 3.1: 32)	Ebda.
Q. Manifattura ta’ strumenti mediċi, ta’ preċiżjoni u strumenti ottiċi, arloġġi u arloġġi tal-ħajt (ISIC rev 3.1: 33)	Ebda.
R. Manifattura ta’ vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers (ISIC rev 3.1: 34)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
S. Manifattura ta' tagħmir ieħor ta' trasport (mhux militari)- (ISIC rev 3.1: 35 minbarra l-manifattura ta' vapuri tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor tat-trasport għal użu militari)	Ebda.
T. Manifattura ta' għamara; manifattura n.e.c. (ISIC rev 3.1: 361, 369)	Ebda.
U. Riċiklaġġ (ISIC rev 3.1: 37)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
5. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU, IL-GASS, Il-FWAR U L-MISĦUN GĦALL-KONT PROPRJU[1] (MINBARRA L-ĠENERAZZJONI NUKLEARI TAL-ELETTRIKU)	
A. Produzzjoni ta' elettriku; trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku għall-kont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4010)[2]	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Dan ma jinkludix l-operat ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt, li jinsabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Manifattura ta’ gass; distribuzzjoni ta’ fjuwils fi stat ta’ gass permezz tal-mejns għall-kont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4020)[1]	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).
C. Produzzjoni ta’ fwar u misħun; distribuzzjoni tal-fwar u l-misħun għall-kont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4030)[2]	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).
6. SERVIZZI TAN-NEGOZJU	
A. Servizzi Professjonali	

[1] Ma jinkludix it-trasport ta’ gass naturali u fjuwils gassużi bil-pipeline, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta’ gass fuq bażi ta’ tariffi jew kuntratt, u l-bejgħ ta’ gass naturali u fjuwils gassużi, li jinstabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

[2] Ma jinkludix it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta’ fwar u misħun fuq bażi ta’ tariffi jew kuntratt u l-bejgħ ta’ fwar u misħun, li jinstabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
a) Servizzi Legali (CPC 861)[1]	AT: Il-parteċipazzjoni fl-ekwità u fl-ishma ta' avukati barranin (li għandhom ikunu kkwalifikati bis-sħiħ f'pajjiżhom) ma tistax taqbeż il-ħamsa u għoxrin fil-mija fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe uffiċċju legali; Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

[1] Jinkludu servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali. L-għoti ta' servizzi ġuridiċi huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew il-persunal tiegħu jkunu kwalifikati bħala avukati, u bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għar-rekwiżiti ta' liċenzja u għall-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn jistgħu, fost oħrajn, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċijiet lokali ta' etika, mat-titolu tal-oriġini (sakemm ma jinkisibx ir-rikonoxximent tat-titolu tal-pajjiż ospitanti), mar-rekwiżiti ta' assigurazzjoni, mar-reġistrazzjoni sempliċi mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti jew mal-ammissjoni ssimplifikata mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-kapaċitajiet u tad-domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Fil-prinċipju, is-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom jitwettqu minn jew permezz ta' avukat kompletament ikkwalifikat li ġie ammess fl-Avukatura tal-UE huwa u jaġixxi personalment, u s-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jitwettqu minn jew permezz ta' avukat kompletament ikkwalifikat ammess fl-Avukatura ta' dak l-Istat Membru, huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u quddiem awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE, billi dan jinvolvi l-prattika tal-liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-avukati barranin li ma jkunux kompletament ammessi fl-Avukatura jkunu awtorizzati jirrappreżentaw, fi proċedimenti ċivili, parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
minbarra servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħrajn	BE: Japplikaw kwoti biex wieħed jidher quddiem il-"Cour de cassation" f'kawżi mhux kriminali. FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għall-kwoti. DK: Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw u uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'uffiċċju legali Daniż. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw li jistgħu jkunu fuq il-bord jew ikunu parti mill-maniġment ta' ditta Daniża ta' avukati. Rekwiżit ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża. FR: Xi tipi ta' forom legali ("association d'avocats" u "société en parteċipazzjoni d'avocat") huma riżervati għall-avukati ammessi bis-sħiħ fl-Avukatura fi FR. F'uffiċċju legali li joffri servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-UE, mill-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija tas-sħab li jkollhom ħamsa u sebgħin fil-mija tal-ishma jkunu avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi FR.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	HR: Ir-rappreżentazzjoni tal-partijiet quddiem il-qrati tista' tiġi prattikata biss mill-membri tal-Kunsill tal-Avukatura tal-Kroazja (titolu Kroat "odvjetnici"). Rekwiżit ta' ċittadinanza għal sħubija fil-Kunsill tal-Avukatura. HU: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu s-sura ta' sħubija ma' avukat Ungeriż (*ügyvéd*) jew ma' uffiċċju ta' avukat (*ügyvédi iroda*), jew uffiċċju rappreżentattiv. PL: Filwaqt li huma disponibbli tipi oħra ta' forom legali għal avukati mill-UE, l-avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' sħubijiet reġistrati u sħubijiet limitati.
b) 1. Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219u CPC 86220)	AT: Il-parteċipazzjoni tal-ekwità u tal-ishma ta' kontabilisti barranin (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-ħamsa u għoxrin fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak. CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur. DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' awdituri awtorizzati Daniżi, l-awditur barranin għandu jikseb permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u l-Kumpaniji.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) 2. Servizzi ta’ awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra s-servizzi tal-kontabilità)	AT: Il-parteċipazzjoni tal-ekwità u tal-ishma ta’ kontabilisti barranin (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom) fir-riżultati operattivi ta’ kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-ħamsa u għoxrin fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak. CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. CZ u SK: Tal-inqas sittin fil-mija tas-sehem kapitali jew tad-drittijiet tal-vot huma riżervati għaċ-ċittadini. DK: Sabiex jidħol fi sħubijiet ma’ kontabilisti awtorizzati Daniżi, l-awditur barranin irid jikseb permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u l-Kumpaniji. FI: Rekwiżit ta’ residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta’ kumpanija b’Responsabbiltà Finlandiża HR: Mingħajr restrizzjonijiet, minbarra li l-awditjar jista’ jsir biss minn persuni ġuridiċi. LV: F’kumpanija kummerċjali ta’ awdituri bil-liċenzja iktar minn ħamsin fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta’ awdituri bil-liċenzja jew ta’ kumpaniji kummerċjali ta’ awdituri bil-liċenzja tal-UE.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	LT: Mhux inqas minn ħamsa u sebgħin fil-mija tal-ishma għandhom ikunu ta' awdituri jew kumpaniji tal-awditjar tal-UE. SE: Awdituri approvati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi legali tal-awditjar f'ċerti entitajiet ġuridiċi, fost oħrajn fil-kumpaniji b'responsabbiltà limitata kollha. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu sidien tal-ishma jew jiffurmaw soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar kwalifikat (għal raġunijiet uffiċjali). Residenza meħtieġa għall-approvazzjoni. SI: Is-sehem ta' persuni barranin f'kumpaniji tal-awditjar ma jistax jaqbeż id-disgħa u erbgħin fil-mija tal-ekwità.
c) Servizzi ta' Pariri dwar it-Taxxa (CPC 863)[1]	AT: Il-parteċipazzjoni tal-ekwità u tal-ishma ta' konsulenti barranin dwar it-taxxa (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-ħamsa u għoxrin fil-mija; dan japplika biss għal dawk li mhumiex membri fil-Korp Professjonali Awstrijak. CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur.

[1] Mhumiex inklużi s-servizzi ta' pariri legali u ta' rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt6.A.a). Servizzi legali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
d) Servizzi ta’ arkitettura u e) Ippjanar urban u servizzi arkitettoniċi ta’ pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)	BG: Għal proġetti ta’ importanza nazzjonali jew reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu fi sħubijiet ma’ investituri lokali jew bħala sottokuntratturi ta’ investituri lokali. LV: Għal servizzi arkitettoniċi, sabiex wieħed jirċievi liċenzja li tippermettilu jipparteċipa f’attività tan-negozju bil-medda sħiħa ta’ responsabbiltà legali u drittijiet biex jiffirma proġett, il-prattika ta’ tliet snin fil-Latvja fil-qasam tal-proġettazzjoni u lawrea mill-università hija meħtieġa.
f) Servizzi ta’ inġinerija u g) Servizzi ta’ inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	BG: Għal proġetti ta’ importanza nazzjonali jew reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu fi sħubijiet ma’ investituri lokali jew bħala sottokuntratturi ta’ investituri lokali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
h) Servizzi Mediċi (inklużi l-psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	AT: Mingħajr restrizzjonijiet għajr għal servizzi dentali u psikologi u psikoterapisti, fejn: l-ebda. DE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta tobba u dentisti huma awtorizzati li jikkuraw lill-membri tal-iskemi pubbliċi tal-assigurazzjoni. Kriterji ewlenin: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari. FI: Mingħajr restrizzjonijiet. FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Krirterju ewlieni: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari. BG, LT: Il-forniment ta' servizzi hu soġġett għall-awtorizzazzjoni li hi bbażata fuq pjan tas-servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, billi jiġu kkunsidrati l-popolazzjoni u s-servizzi mediċi u dentali diġà eżistenti. SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi mediċi soċjali, servizzi sanitarji, servizzi epidemoloġiċi, servizzi mediċi/ekoloġiċi; il-forniment ta' demm, preparazzjonijiet tad-demm kif ukoll trapjanti awtopsja. UK: Biex it-tobba jipprattikaw taħt is-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali dan huwa suġġett għall-ippjanar tar-riżorsi umani fil-qasam mediku.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
i) Servizzi veterinarji (CPC 932)	AT: Mingħajr restrizzjonijiet. BG: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tan-negozju eżistenti. FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". HU: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.
j) 1. Servizzi tal-qwiebel (parti minn CPC 93191)	BG, FI, HU, MT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' jiġi applikat. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi (parti minn CPC 93191)	AT: Investituri barranin huma awtorizzati biss f'dawn l-attivitajiet ta': infermiera, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u tan-nutrizzjoni. BG, MT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. FI: Mingħajr restrizzjonijiet għal Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku. FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' jiġi applikat. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur. LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-fiżjoterapisti barranin u l-persunal paramediku. Kriterji ewlenin: sitwazzjoni tal-impjiegi f'reġjun partikolari.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmacewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara[1]	AT, BG, CY, FI, MT, PL, RO, SE, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. BE, DE, DK, EE, ES, FR, IT, HR, HU, IE, LV, PT, SK: L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: id-densità tal-popolazzjoni u dik ġeografika tal-ispiżeriji eżistenti.
B. Servizzi tal-Kompjuters u oħrajn Relatati (CPC 84)	Ebda.

[1] Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp[1] a) Servizzi ta' R&Ż fix-xjenzi naturali (CPC 851) b) Servizzi ta' R&Ż fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi (CPC 852 ħlief servizzi ta' psikologi[2]) c) Servizzi ta' R&Ż interdixxiplinarji (CPC 853)	UE: Għal servizzi ta' R&Ż b'fondi pubbliċi, id-drittijiet esklużivi u/jew awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE.
D. Servizzi ta' Bejgħ ta' Proprjetà Immobbli[3]	

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Parti mis-CPC 85201 li tinstab taħt 6.A.h - Servizzi mediċi u dentali.

[3] Is-servizz involut jikkonċerna l-professjoni tal-aġenti tal-proprjetà immobbli u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru proprjetà.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
a) Li tinvolvi Proprjetà Proprja jew dik b'Lokazzjoni (CPC 821)	Ebda.
b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew ta' Kuntratt (CPC 822)	Ebda.
E. Servizzi ta' Kiri/Lokazzjoni mingħajr Operaturi	
a) Relatati mal-bastimenti (CPC 83103)	LT: Bastimenti jridu jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi Litwani jew kumpaniji stabbiliti fil-Litwanja. SE: Biex tittajjar bandiera Żvediża trid tingħata prova ta' influwenza operattiva Żvediża dominanti f'każ ta' interessi ta' sjieda barranin fil-vapuri.
b) Relatati mal-Inġenji tal-Ajru (CPC 83104)	UE: Inġenji tal-ajru użati minn operaturi tal-UE jridu jkunu rreġistrati fl-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur, jew xi mkien ieħor fl-UE. L-inġenju tal-ajru jrid ikun proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità jew ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi dwar is-sjieda ta' kapital u kontroll (inkluża n-nazzjonalità tad-diretturi). Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' lokazzjoni fil-qosor jew f'cirkostanzi eċċezzjonali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
c) Relatati ma' Tagħmir tat-Trasport Ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105)	Ebda.
d) Relatati ma' Makkinarju u Tagħmir Ieħor (CPC 83106, CPC 83107, CPC 83108 u CPC 83109)	Ebda.
e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal CPC 83202.
f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	Ebda.
F. Servizzi tan-negozju oħrajn	
a) Reklamar (CPC 871)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) Ricerka tas-Suq u Stħarriġ tal-Opinjoni Pubblika (CPC 864)	Ebda.
c) Servizzi ta' Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 865)	Ebda.
d) Servizzi Relatati mal-Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 866)	HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602).
e) Servizzi ta' Ttestjar Tekniku u ta' Analiżi[1] (CPC 8676)	Ebda.
f) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza relatati mal-Agrikoltura, il-Kaċċa u l-Foresterija (parti minn CPC 881)	Ebda.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi meħtieġa għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni jew għall-awtorizzazzjonijiet tal-użu (pereż. spezzjoni tal-karozzi, spezzjoni tal-ikel).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
g) Servizzi ta’ Pariri u Konsulenza dwar is-Sajd (parti minn CPC 882)	Ebda.
g) Servizzi ta’ Pariri u Konsulenza dwar is-Sajd (parti minn CPC 882)	Ebda.
h) Servizzi ta’ Pariri u Konsulenza relatati mal-Manifattura (parti minn CPC 884u parti minn CPC 885)	Ebda.
i) Servizzi ta’ Allokazzjoni u Forniment ta’ Persunal	
i) 1. Tfittxija eżekuttiva (CPC 87201)	BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet.
i) 2. Servizzi ta’ Allokazzjoni (CPC 87202)	AT, BG, CY, CZ, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. BE, FR, IT: Monopolju tal-Istat. DE: L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
i) 3. Servizzi ta’ Forniment ta’ persunal ta’ sostenn fl-uffiċċju (CPC 87203)	AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. IT: Monopolju tal-Istat.
i) 3. Servizzi ta’ Forniment ta’ persunal ta’ sostenn fl-uffiċċju (CPC 87203)	AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. IT: Monopolju tal-Istat.
i) 4. Servizzi ta’ Aġenziji tal-Mudelli (parti minn CPC 87209)	Ebda.
j) 1. Servizzi ta’ investigazzjoni (CPC 87301)	BE, BG, CY, CZ, DE, ES, EE, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet.
j) 2. Servizzi ta’ sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	DK: Rekwiżiti ta’ nazzjonalità u residenza għall-membri tal-bord. Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta’ servizzi ta’ gwardjani tal-ajruport. BG, CY, CZ, EE, FI, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Il-liċenzja tista’ tinħareġ biss liċ-ċittadini u lil organizzazzjonijiet nazzjonali irreġistrati. ES: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). L-aċċess hu soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel. HR: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
k) Servizzi Relatati ma' Konsulenza Xjentifika u Teknika[1] (CPC 8675)	FR: Investituri barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika għas-servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar.
l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	Ebda.
l) 2. Manutenzjoni u Tiswija tat-Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	LV: Monopolju tal-Istat. SE: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw meta investitur għandu l-għan li jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura terminali tiegħu. Kriterji ewlenin: limiti ta' spazju u ta' kapaċità.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għal ċerti attivitajiet relatati mat-tħaffir tal-minjieri (minerali, żejt, gass, eċċ.).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
l) 3. Manutenzjoni u Tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u Tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	SE: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw meta investitur għandu l-għan li jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura terminali tiegħu. Kriterji ewlenin: limiti ta' spazju u ta' kapaċità.
l) 4. Il-Manutenzjoni u t-Tiswija tal-Inġenji tal-Ajru u partijiet minnhom (parti minn CPC 8868)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
l) 5. Servizzi ta' Manutenzjoni u Tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar[1] (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	Ebda.
m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874)	Ebda.
n) Servizzi Fotografiċi (CPC 875)	Ebda.
o) Servizzi ta' Ppakkjar (CPC 876)	Ebda.

[1] Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinsabu fi 6.F. l) 1 to 6.F.l) 4. Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinstabu f'6.B. Servizzi tal-kompjuters.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442)	HR: Ir-rekwiżit ta' residenza għall-bord editorjali u għall-pubblikaturi. LT, LV: Stabbiliment tad-drittijiet fis-settur tal-pubblikazzjoni maħruġ biss għal persuni ġuridiċi inkorporati nazzjonalment (mhux fergħat). PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-editur kap ta' gazzetti u ġurnali. SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar.
q) Servizzi ta' Konvenzjonijiet (parti minn CPC 87909)	Ebda.
r) 1. Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretar (CPC 87905)	DK: L-awtorizzazzjoni għat-traduttur u interpreti pubbliċi awtorizzati tista' tillimita l-ambitu tal-attività. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni għal/quddiem il-qrati Kroati PL: Mingħajr restrizzjoni għall-forniment ta' servizzi ta' interpretazzjoni bil-liċenzja. BG, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet għal traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
r) 2. Servizzi ta’ Arredament Intern u Servizzi oħra ta’ Disinn Speċjalizzat (CPC 87907)	Ebda.
r) 3. Servizzi ta’ Aġenzija tal-Ġbir (CPC 87902)	IT, PT: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-investituri.
r) 4. Servizzi ta’ rappurtar tal-kreditu (CPC 87901)	BE: Għal banek ta’ dejta għall-kreditu tal-konsumaturi, il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-investituri. IT, PT: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-investituri.
r) 5. Servizzi ta’ duplikazzjoni (CPC 87904)[1]	Ebda.

[1] Ma jinkludix servizzi ta’ stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F. p).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
r) 6. Servizzi ta' konsulenza fit-telekomunikazzjoni (CPC 7544)	Ebda.
r) 7. Servizzi tat-tweġib tat-telefown (CPC 87903)	Ebda.
7. SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI	
A. Servizzi Postali u tal-Kurrier	Ebda[1].

[1] Għas-subsetturi minn i) sa iv), jistgħu jkunu meħtieġa liċenzji individwali li jimponu obbligi partikolari għas-servizzi universali u/jew kontribuzzjoni finanzjarja f'fond ta' kumpens.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(Servizzi relatati mal-maniġġjar[1] ta' oġġetti postali[2] skont il-lista li ġejja ta' subsetturi, kemm jekk għal destinazzjonijiet domestiċi u kemm jekk għal dawk barranin: (i) Maniġġjar ta' komunikazzjonijiet miktubin indirizzati fuq kwalunkwe mezz fiżiku[3], inkluż is-servizz ta' posta Ibrida u l-posta Diretta, (ii) Maniġġjar ta' pakketti u imballaġġi indirizzati[4], (iii) Maniġġjar ta' prodotti stampati indirizzati[5], (iv) maniġġjar tal-oġġetti msemmija minn (i) sa (iii) hawn fuq bħala posta rreġistrata jew assigurata, (v) Servizzi ta' kunsinna express[6] għall-oġġetti msemmija f'minn (i) sa (iii) hawn fuq, vi) Maniġġjar ta' oġġetti mhux indirizzati, (vii) Skambju ta' dokumenti[7]	

1 It-terminu "maniġġjar" jenħtieġ li jinftiehem li jinkludi l-approvazzjoni doganali, l-issortjar, il-ġarr u t-tqassim.

2 "Oġġett postali" tfisser oġġetti pproċessati minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.

3 pereżempju ittri, kartolini.

4 Il-kotba u l-katalgi huma inkluzi hawn taħt.

5 Ġurnali, gazzetti, rivisti.

6 Servizzi ta' kunsinna express jistgħu jinkludu, flimkien ma' velocità u affidabbiltà akbar, elementi ta' valur miżjud bħal ma huma ġbir mill-punt tal-oriġini, kunsinna personali lid-destinatarju, intraċċar u tiftix, il-possibbiltà ta' bdil tad-destinazzjoni u tad-destinatarju waqt it-tranżitu, u konferma tal-wasla.

7 Provvista tal-mezzi, inkluzi l-provvista ta' bini *ad hoc* kif ukoll trasport minn parti terza, li tippermetti awtotwassil permezz ta' skambju reċiproku ta' oġġetti postali bejn utenti sottoskritti għal dan is-servizz. Oġġett postali tirreferi għall-oġġetti maniġġjati minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, sew pubbliku u sew privat.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Is-subsetturi (i), (iv) u (v) madankollu huma esklużi meta jaqgħu fl-ambitu tas-servizzi li jistgħu jkunu riservati, jiġifieri: għal oġġetti ta' korrispondenza bi prezz li hu inqas minn darbtejn u nofs (2,5) tat-tariffa bażika pubblika, dejjem jekk jiżnu inqas minn 50 gramma[1], bis-servizz tal-posta irreġistrata miżjud li kien użat fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi.) (parti minn CPC 751, parti minn CPC 71235[2] u parti minn CPC 73210[3])	

[1] "Oġġetti ta' korrispondenza": komunikazzjoni bil-miktub fuq kull tip ta' mezz fiżiku mibgħut u kkunsinnat fl-indirizz indikat minn min jibagħtu fuq l-oġġett innifsu jew fuq it-tgeżwir tiegħu. Kotba, katalgi, gazzetti u perjodiċi ma jitqisux bħala oġġetti ta' korrispondenza.

[2] It-trasport ta' posta għall-kont proprju b'kull mezz fuq l-art.

[3] It-trasport ta' oġġetti postali għall-kont proprju bl-ajru.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi tat-Telekomunikazzjoni Dawn is-servizzi ma jkoprux l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-forniment ta' kontenut li jeħtieġ is-servizzi tat-telekomunikazzjoni għall-ġarr tiegħu.	
a) Is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċezzjoni tas-sinjali bi kwalunkwe mezz elettromanjetiku[1], minbarra x-xandir[2]	Ebda[3].

1 Dawn is-servizzi ma jinkludux informazzjoni onlajn u/jew ipproċessar tad-*data* (inkluż l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet) (parti minn CPC 843) li jinsabu f'6.B. Servizzi tal-kompjuters.

2 Ix-xandir huwa definit bħala l-katina mhux interrotta ta' trażmissjoni meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' programmi televiżivi u tar-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma jkoprix il-konnessjonijiet ta' kontribuzzjoni bejn l-operaturi.

3 Nota ta' qiegħ il-paġna għal raġunijiet ta' kjarifika: Uħud mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom parteċipazzjoni pubblika f'ċerti operaturi tat-telekomunikazzjoni. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jżommu d-dritt li jżommu tali parteċipazzjoni pubblika fil-futur. Mhemm l-ebda limitu għall-aċċess fis-suq. Fil-Belġju, il-parteċipazzjoni tal-gvern u d-drittijiet tal-vot fil-Belgacom huma stabbiliti b'mod liberu taħt setgħat leġiżlattivi, kif inhu bħalissa l-każ taħt il-liġi tal-21 ta' Marzu 1991 dwar ir-riforma ta' intrapriżi ekonomiċi tal-Istat.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) Servizzi ta' trażmissjoni mxandra bis-satellita[1]	UE: L-ebda, għajr li: – l-impenji huma soġġetti għar-reċiproċità. – il-forniturи tas-servizzi f'dan is-settur jistgħu jkunu soġġetti għal obbligi li jħarsu l-għanijiet ta' interess ġenerali marbuta mat-twassil tal-kontenut permezz tan-netwerk tagħhom f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. BE: Mingħajr restrizzjonijiet.
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	Ebda.

[1] Dawn is-servizzi jkopru s-servizz tat-telekomunikazzjoni li jikkonsisti fit-trażmissjoni u r-riċezzjoni tax-xandir bir-radju u t-televiżjoni permezz tas-satellita (il-katina mhux interrotta ta' trażmissjoni bis-satellita meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' sinjali ta' programmi tat-TV u tar-radju lill-pubbliku ġenerali). Dan ikopri l-bejgħ tal-użu tas-servizzi bis-satellita, iżda ma jinkludix il-bejgħ ta' pakketti ta' programmi televiżivi lill-unitajiet domestiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
9. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (għajr distribuzzjoni ta' armi, munizzjon, splussivi u materjal ieħor tal-gwerra) Is-subsetturi kollha msemmija hawn taħt[1]	AT: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' oġġetti pirotekniċi, ta' oġġetti li jaqbdu kif ukoll ta' tagħmir tal-blasting u ta' sustanzi tossiċi. Għad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' prodotti tat-tabakk, id-drittijiet esklussivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea. FI: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku u prodotti farmaċewtiċi. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' tabakk jew prodotti tat-tabakk.
A. Servizzi ta' Aġenti Kummissjonanti	
a) Servizzi tal-Aġenti kummissjonanti ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121)	Ebda.

[1] Il-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi japplika għad-distribuzzjoni ta' prodotti kimiċi, ta' farmaċewtiċi, ta' prodotti għall-użu mediku bħal apparat mediku u kirurġiku, sustanzi mediċi u oġġetti għall-użu mediku, ta' tagħmir militari u metalli prezzjużi (u ħaġar) u f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea wkoll għad-distribuzzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk u tax-xorb alkoħoliku.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) Servizzi Oħra ta' Aġenti Kummissjonanti (CPC 621)	Ebda.
B. Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa	
a) Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121)	Ebda.
b) Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa ta' tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni (parti minn CPC 7542)	Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
c) Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa oħrajn (CPC 622 għajr servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti tal-enerġija[1])	FR, IT: Monopolju tal-Istat fuq it-tabakk. FR: L-awtorizzazzjoni ta' spiżeriji bl-imnut hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: id-densità tal-popolazzjoni u dik ġeografika tal-ispiżeriji eżistenti.

[1] Dawn is-servizzi, li jinkludu CPC 62271, jinstabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.D.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta’ Bejgħ bl-Imnut[1] Servizzi ta’ Bejgħ bl-Imnut ta’ vetturi bil-mutur, muturi u snow mobiles u tal-partijiet u tal-aċċessorji tagħhom (CPC 61112, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121) Servizzi ta’ bejgħ bl-imnut ta’ tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni (parti minn CPC 7542)	ES, IT: Monopolju tal-Istat fuq it-tabakk. BE, BG, DK, FR, IT, MT, PT: L-awtorizzazzjoni għal ħwienet kbar (fil-każ ta’ FR għal ħwienet kbar biss) hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: in-numru ta’ ħwienet eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta’ impjiegi ġodda. IE, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-bejgħ bl-imnut ta’ xorb alkoħoliku. SE: L-awtorizzazzjoni għall-kummerċ temporanju fl-ilbies, iż-żraben, u l-ikel li ma jiġux ikkunsmati fejn jinbiegħu tista’ tkun suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: impatt fuq ħwienet eżistenti fiż-żona ġeografika kkonċernata.

[1] Ma jinkludux servizzi ta’ manutenzjoni u tiswija, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.B. u 6.F.l). Ma jinkludix servizzi bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija li jinstabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.E. u 18.F.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta’ bejgħ bl-imnut ta’ ikel (CPC 631) (Servizzi ta’ bejgħ bl-imnut ta’ prodotti oħra (mhux tal-enerġija), ħlief bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi[1] (CPC 632 eskluż CPC 63211 u 63297)	
D. Franchising (CPC 8929)	Ebda.
10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	

[1] Bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi jinstabu taħt is-SERVIZZI PROFESSJONALI f’6.A.k).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
A. Servizzi ta’ Edukazzjoni Primarja (CPC 921) B. Servizzi ta’ Edukazzjoni Sekondarja (CPC 922) C. Servizzi ta’ Edukazzjoni Ogħla (CPC 923) D. Servizzi ta’ Edukazzjoni għall-Adulti (CPC 924)	UE: Il-parteċipazzjoni ta’ operaturi privati fin-netwerk tal-edukazzjoni hija suġġetta għal konċessjoni. AT: Mingħajr restrizzjonijiet għas-Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla. Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta’ edukazzjoni għall-adulti permezz tar-radju jew xandir televiżiv. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta’ servizzi edukattivi tal-primarja u/jew tas-sekondarja minn persuni fiżiċi barranin u assoċjazzjonijiet u għall-forniment ta’ Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla. CZ, SK: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord. Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta’ servizzi ta’ edukazzjoni għolja, ħlief għal servizzi ta’ edukazzjoni postsekondarja teknika u vokazzjonali (CPC 92310). CY, FI, MT, RO, SE: Mingħajr restrizzjonijiet. EL: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord fl-iskejjel primarji u sekondarji. Mingħajr restrizzjonijiet għal istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni ogħla li jagħtu diplomi rikonoxxuti tal-Istat. ES, IT: Ħtieġa ta’ test għall-ftuħ ta’ universitajiet privati awtorizzati biex joħorġu diplomi u lawrei rikonoxxuti; il-proċedura tinvolvi parir mill-Parlament. Kriterju ewlieni: popolazzjoni u densità ta’ stabbilimenti eżistenti.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	HR: Mingħajr restrizzjonijiet għal Servizzi fl-Edukazzjoni Primarja (CPC 921). Għal Servizzi fl-Edukazzjoni Sekondarja: Ebda għal persuni ġuridiċi. HU, SK: L-għadd ta' skejjel li jiġu stabbiliti jista' jiġi limitat mill-awtoritajiet lokali (jew fil-każ ta' skejjel għolja u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja mill-awtoritajiet ċentrali) inkarigati biex jagħtu l-liċenzji. LV: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi tal-edukazzjoni marbuta ma' servizzi edukattivi tat-tip tal-iskejjel sekondarji tekniċi u vokazzjonali għal studenti bi bżonnijiet speċjali (CPC 9224). SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal skejjel primarji. Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord fl-iskejjel sekondarji u dawk postsekondarji.
E. Servizzi edukattivi oħra (CPC 929)	AT, BE, BG, CY, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. CZ, SK: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tal-edukazzjoni hija suġġetta għal konċessjoni. Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
11. SERVIZZI AMBJENTALI[1] A.) Servizzi ta’ Ilma Mormi (CPC 9401)[2] B. L-immaniġġjar ta’ skart solidu/perikoluż, eskluż it-trasport transfruntier ta’ skart perikoluż a) Servizzi ta’ Rimi ta’ Skart (CPC 9402) b) Servizzi ta’ Sanità u Servizzi Simili (CPC 9403) C. Protezzjoni tal-arja ambjentali u l-klima (CPC 9404)[3]	Ebda.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.
[2] Tikkorrispondi għas-servizzi tad-drenaġġ.
[3] Tikkorrispondi għas-Servizzi ta’ Tindif tal-Gassijiet tal-Exhaust.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Rimedjar u tindif ta’ ħamrija u ilma a) Trattament, rimedjar ta’ ħamrija u ilma kontaminati/imniġġsa (parti minn CPC 9406)[1] E. Tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjoni (CPC 9405) F. Il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-pajsaġġ a) Servizzi għall-ħarsien tan-natura u tal-pajsaġġ (parti minn CPC 9406) G. Servizzi ambjentali u servizzi anċillari oħra (CPC 9409)	

[1] Tikkorrispondi għal partijiet tas-Servizzi ta’ Protezzjoni tan-Natura u l-Pajsaġġ.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
12. SERVIZZI FINANZJARJI	
A. Servizzi tal-assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni	AT: Il-liċenzja għall-fergħat ta' assikuraturi barranin ma tinħariġx jekk l-assiguratur, f'pajjiżu stess, ma jkollux forma legali li tikkorrispondi jew tkun paragonabbli ma' kumpanija b'ishma konġunti jew assoċjazzjoni mutwa tal-assigurazzjoni. BG, ES: Qabel ma jistabbilixxu fergħa jew aġenzija fil-Bulgarija jew Spanja biex jipprovdu ċerti klassijiet ta' assikurazzjoni, l-assikuraturi barranin irid ikollhom l-awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini. EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew permanenti oħra ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, ħlief fejn dawn l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji ċentrali. FI: Mill-inqas nofs il-promoturi u l-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju ta' kumpanija ta' assikurazzjoni għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni, dejjem jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-assikuraturi barranin ma tistax tinħarġilhom liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa biex jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni tal-pensjoni statutorja.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	IT: L-awtorizzazzjoni għat-twaqqif tal-fergħat hija fl-aħħar mill-aħħar suġġetta għall-valutazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji. BG, PL: L-intermedjarji tal-assigurazzjoni jridu jkunu inkorporati fil-pajjiż (mhux fergħat). PT: Biex jistabbilixxu fergħa fil-Portugall, il-kumpaniji barranin tal-assigurazzjoni jeħtiġilhom jagħtu prova ta' esperjenza preċedenti fil-qasam ta' mill-inqas ħames snin. Fergħat diretti mhux permessi għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hi riżervata għal kumpaniji ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru. SK: Ċittadin barrani jista' jistabbilixxi kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew jista' jwettaq negozju tal-assigurazzjoni permezz tas-sussidjarji tiegħu b'uffiċċji rreġistrati fir-Repubblika Slovakka (mhux fergħat). SI: L-investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw f'kumpaniji tal-assigurazzjoni fil-faża ta' privatizzazzjoni. Sħubija tal-istituzzjoni tal-assigurazzjoni reċiproka hija limitata għal kumpaniji stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) u persuni fiżiċi domestiċi. Entitajiet li jagħtu servizz ta' konsulenza u għas-saldu tal-pretensjonijiet iridu jiġu inkorporati bħala entitajiet legali (mhux fergħat). Għal proprjetarji esklużivi, tinħtieġ residenza fir-Repubblika tas-Slovenja. SE: Impriżi tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss permezz ta' fergħa.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)	UE: Huma biss l-impriżi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fl-UE li jistgħu jaġġixxu bħala depożitanti tal-assi tal-fondi ta' investiment. Huwa meħtieġ l-istabbiliment ta' kumpanija speċjalizzata tal-immaniġġjar, li jkollha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-istess Stat Membru, biex jitwettqu l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' fiduċjarji ta' unitajiet u ta' kumpaniji tal-investiment. BG: L-assigurazzjoni tal-pensjonijiet tkun implimentata permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpaniji inkorporati tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet (mhux fergħat). Ir-residenza permanenti fil-Bulgarija hija rikjesta biss għall-president tal-bord tal-ġestjoni u l-president tal-bord tad-diretturi. CY: Membri (sensara) tal-Borża ta' Ċipru biss jistgħu jwettqu negozju relatat mas-senserija tat-titoli f'Ċipru. Impriża ta' senserija tista' tkun reġistrata biss bħala membru tal-Borża ta' Ċipru jekk tkun ġiet stabbilita u reġistrata skont il-Liġi tal-Kumpaniji ta' Ċipru (mhux fergħat). FI: Mill-inqas nofs il-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, mill-inqas membru ordinarju u viċi membru tal-bord superviżorju u l-persuna intitolata tiffirma f'isem l-istituzzjoni tal-kreditu għandu jkollhom ir-residenza permanenti fl-UE. Eżenzjoni minn dawn ir-rekwiżiti tista' tingħata mill-awtoritajiet kompetenti.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	HR: Ebda, ħlief għal servizzi ta' saldu u kklirjar fejn l-Aġenzija Depożitarja Ċentrali (ADĊ) tkun l-uniku fornitur fil-Kroazja. Aċċess għas-servizzi tal-ADĊ jingħata lill-persuni mhux residenti fuq bażi nondiskriminatorja. HU: Fergħat ta' istituzzjonijiet barranin mhux permessi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi għal fondi privati tal-pensjonijiet jew ġestjoni ta' kapital tar-riskju. Il-bord ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi mill-anqas żewġ membri, li huma ċittadini Ungeriżi, residenti fis-sens tar-regolamenti rilevanti tal-kambju u li għandhom residenza permanenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena. IE: Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment kostitwiti bħala fiduċjarji ta' unitajietà u kumpaniji ta' kapital varjabbli (ħlief għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, UCITS), il-fiduċjarju/depożitarju u l-kumpanija tal-immaniġġjar jeħtieġ li jkunu inkorporati fl-Irlanda jew fi Stat Membru ieħor tal-UE (mhux f'fergħat). Fil-każ ta' soċjetà tal-investiment b'responsabbiltà limitata, mill-inqas soċju ġenerali wieħed irid ikun inkorporat fl-Irlanda. Biex issir membru tal-Borża tal-Irlanda, l-entità trid jew (I) tkun awtorizzata fl-Irlanda, li jfisser li trid tkun inkorporata jew tkun soċjetà bl-uffiċċju prinċipali/irreġistrat fl-Irlanda, jew (ii) tkun awtorizzata fi Stat Membru tal-Unjoni ieħor skont id-Direttiva tal-Unjoni dwar is-Servizzi tal-Investiment.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	IT: Sabiex tkun awtorizzata timmaniġġja s-sistema tas-saldu tat-titoli bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat). Sabiex tkun awtorizzata tmexxi s-sistema ta' servizzi ċentrali ta' depożitorju tat-titoli bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat). Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment ħlief tal-UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-fiduċjarju/depożitarju jeħtieġ li jkun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor tal-UE, u jkun stabbilit permezz ta' fergħa fl-Italja. Il-kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS li mhumiex armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE huma wkoll obbligati li jkunu inkorporati fl-Italja (ebda fergħat). L-uniċi li jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' mmaniġjar tar-riżorsi ta' fond tal-pensjoni huma l-banek, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni, l-impriżi tal-investiment u l-kumpaniji li jimmaniġġaw l-UCITS li jkunu armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li jkollhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-UE kif ukoll l-UCITS inkorporati fl-Italja. Meta jipprovdu l-attività ta' bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati li jkunu residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE. L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet bl-iskop li joffru servizzi ta' investiment. LT: Għall-fini ta' ġestjoni tal-assi, hi neċessarja l-inkorporazzjoni ta' kumpanija speċjalizzata fil-maniġment (mhux fergħat). Jistgħu jkunu depożitorji tal-assi biss dawk l-impriżi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fil-Litwanja.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	PT: Il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni tista' ssir biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-Portugall għal dak l-iskop u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati li jwettqu n-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew minn entitajiet awtorizzati għall-ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet fi Stati Membri oħra tal-UE (mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-UE). RO: Fergħat ta' istituzzjonijiet barranin mhux permessi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi. SK: Servizzi tal-investiment fir-Repubblika Slovakka jistgħu jiġu fornuti minn banek, kumpaniji ta' investiment, fondi ta' investiment u operaturi titolari li jkollhom forma ġuridika ta' kumpanija azzjonarja b'kapital azzjonarju skont il-liġi (mhux fergħat). SI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'banek fil-fażi ta' privatizzazzjoni u għal fondi privati tal-pensjonijiet (fondi tal-pensjonijiet mhux obbligatorji). SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fl-UE.
13. SERVIZZI TAS-SAĦĦA U S-SERVIZZI SOĊJALI[1] (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
A. Servizzi ta’ Sptar (CPC 9311) B. Servizzi ta’ Ambulanza (CPC 93192) C. Faċilitajiet ta’ saħħa residenzjali minbarra servizzi ta’ sptar (CPC 93193) D. Servizzi soċjali (CPC 933)	UE: Il-parteċipazzjoni ta’ operaturi privati fin-netwerk tas-saħħa u n-netwerk soċjali hija suġġetta għal konċessjoni. Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi jistgħu japplikaw. Kriterju ewlieni: in-numru ta’ stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-ħolqien ta’ impjiegi ġodda. AT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta’ ambulanza. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta’ sptar, għal servizzi tal-ambulanza u għal faċilitajiet residenzjali tas-saħħa li mhux servizzi ta’ sptar. CZ, FI, MT, SE, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. HU, SI: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi soċjali. PL: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta’ ambulanzi, għal faċilitajiet ta’ saħħa residenzjali minbarra servizzi ta’ sptarijiet u għal servizzi soċjali. BE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta’ ambulanzi, għal faċilitajiet ta’ saħħa residenzjali minbarra servizzi ta’ sptarijiet u għal servizzi soċjali minbarra djar ta’ konvalexxenza u ta’ mistrieħ u djar tal-anzjani. CY: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta’ sptarijiet, servizzi ta’ ambulanzi, għal faċilitajiet ta’ saħħa residenzjali minbarra servizzi ta’ sptarijiet u għal servizzi soċjali minbarra djar ta’ konvalexxenza u ta’ mistrieħ u djar tal-anzjani.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
14. SERVIZZI RELATATI MAT-TURIŻMU U L-IVVJAĠĠAR	
A. Lukandi, Restoranti u Forniment tal-ikel (CPC 641, CPC 642 u CPC 643) minbarra l-forniment tal-ikel fis-servizzi tat-trasport bl-ajru[1]	BG: Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni (mhux fergħat). IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati għal bars, kafetteriji u ristoranti. Kriterju ewlieni: popolazzjoni u densità ta' stabbilimenti eżistenti.
B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivvjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitiċi (inklużi l-maniġers tal-ġiti) (CPC 7471)	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). PT: Rekwiżit ta' kostituzzjoni ta' kumpanija kummerċjali b'bażi korporattiva fil-Portugall (mingħajr restrizzjonijiet għall-fergħat).
C. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi (CPC 7472)	Ebda.

[1] Il-forniment tal-ikel fis-servizzi tat-trasport bl-ajru jinstab taħt is-SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT f'17.E.a) Servizzi fuq l-art.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
A. Servizzi ta' Divertiment (inklużi s-Servizzi ta' Teatru, Gruppi li Jdoqqu Live, Ċirku u Diskoteki) (CPC 9619)	CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għajr għal servizzi ta' divertiment ta' produtturi teatrali, gruppi tal-kant, baned u orkestri (CPC 96191), servizzi pprovduti minn awturi, kompożituri, skulturi, u artisti individwali oħra (CPC 96192) u servizzi teatrali anċillari (CPC 96193). EE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi oħrajn ta' divertiment (CPC 96199) ħlief għal servizzi ta' swali taċ-ċinema. LV: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' tas-swali taċ-ċinema (parti minn CPC 96199).
B. Servizzi tal-Aħbarijiet u Aġenziji tal-Istampa (CPC 962)	FR: Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li jippubblikaw pubblikazzjonijiet bil-lingwa Franċiża ma tistax taqbeż l-għoxrin fil-mija tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija. It-twaqqif ta' aġenziji tal-istampa minn investituri barranin huwa soġġett għar-reċiproċità.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Biblijoteki, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra [1] (CPC 963)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. AT, LT: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tas-servizzi tal-libreriji, l-arkivji, l-mużewijiet u servizzi kulturali oħra hija suġġetta għal konċessjoni jew liċenzja.
D. Sevizzi sportivi (CPC 9641)	AT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' skejjel tal-iskijjar u gwidi fuq il-muntanji. BG, CY, CZ, EE, LV, MT, PL, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet.
E. Servizzi tal-ġonna rikreattivi u x-xtajtiet (CPC 96491)	Ebda.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
16. SERVIZZI TAT-TRASPORT	
A. Trasport Marittimu[1]	
a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 eskluż il-kabottaġġ nazzjonali). b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 eskluż il-kabotaġġ nazzjonali)[2]	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għat-twaqqif ta' kumpanija rreġistrata sabiex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat tat-twaqqif. BG, CY, EE, HU, LV, LT, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għall-istabbiliment ta' forom oħra ta' preżenza kummerċjali għall-provvista ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali. DE, ES, FR, FI, EL, IT, LV, MT, PL, PT, SI and SE: Servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) bl-awtorizzazzjoni.

[1] Il-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi japplika għas-servizzi tal-port u għal servizzi oħra ta' trasport marittimu li jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.

[2] Jinkludi servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) u moviment tat-tagħmir minn forniturі tat-trasport marittimu internazzjonali bejn portijiet li jinsabu fl-istess Stat fejn ma hemmx dħul finanzjarju involut.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni[1]	
a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7221) b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7222)	UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li ġew wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza fir-rigward tal-pussess. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni Mannheim dwar it-Tbaħħir fir-Rhine. AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għat-twaqqif ta' kumpanija rreġistrata sabiex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat tat-twaqqif. AT: Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità sabiex tiġi stabbilita kumpanija tat-tbaħħir minn persuni fiżiċi. Fil-każ ta' stabbiliment ta' persuna ġuridika, il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-bord maniġerjali u l-bord superviżorju. Huma meħtieġa kumpanija rreġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija. Ma' dan, il-maġġoranza tal-ishma tan-negozju jridu jkunu għand ċittadini taż-ŻEE. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). FI: Is-servizzi jistgħu jingħataw biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża. HR: Mingħajr restrizzjonijiet.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għal servizzi tal-port u servizzi oħra tat-trasport fuq l-ilmijiet interni li jirrikjedu l-użu tal-ispazju pubbliku.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Trasport bil-ferrovija[1] a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7111) b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112)	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). HR: Mingħajr restrizzjonijiet.
D. Trasport fuq l-Art[2]	

[1] Il-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi japplika għas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija li jkunu jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.

[2] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122)	UE: L-investituri barranin ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' trasport fi Stat Membru (kabotaġġ), ħlief għal kiri ta' servizzi mhux skedati ta' karozzi tal-linja mal-operatur. UE: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tat-taxi. Kriterju ewlieni: in-numru ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. AT, BG: Id-drittijiet esklużivi u/jew awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). FI, LV: Awtorizzazzjoni meħtieġa, mhux estiża għal vetturi rreġistrati barra. LV u SE: Rekwiżit fuq entitajiet stabbiliti biex jużaw vetturi bir-reġistrazzjoni nazzjonali. ES: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CPC 7122. Kriterju ewlieni: Domanda lokali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	IT, PT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal servizzi ta' limousine. Kriterju ewlieni: in-numru ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. ES, IE, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterju ewlieni: in-numru ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. FR: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) Trasport ta' Merkanzija[1] (CPC 7123, għajr il-ġarr ta' oġġetti postali għall-kont proprju[2])	AT, BG: Id-drittijiet esklużivi u/jew awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). FI, LV: Awtorizzazzjoni meħtieġa, mhux estiża għal vetturi rreġistrati barra. LV u SE: Rekwiżit fuq entitajiet stabbiliti biex jużaw vetturi bir-reġistrazzjoni nazzjonali. IT, SK: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni hu d-domanda lokali.
E. It-trasport bil-pajplajn ta' prodotti li mhumiex fjuwil[3] [4] (CPC 7139)	AT: Id-drittijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom fl-UE.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

[2] Parti minn CPC 71235, li tinstab fis-SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI taħt 7.A. Servizzi postali u ta' kurier.

[3] It-trasport ta' fjuwils bil-pipelines jinstab taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.B.

[4] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
17. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT[1]	
A. Servizzi awżiljarji tat-Trasport Marittimu[2] a) Servizzi Marittimi ta' Maniġġjar tat-Tagħbija b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi ta' Approvazzjoni Doganali d) Stazzjon tal-Kontejners u Servizzi ta' Ħażna e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Għal servizzi ta' mbuttar u rmunkar u għal servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu, mingħajr restrizzjonijiet għat-twaqqif ta' kumpanija rreġistrata biex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat ta' stabbiliment. IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tal-maniġġ tat-tagħbija marittima. Kriterju ewlieni: in-numru ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal disgħa u erbgħin fil-mija.

[1] Ma jinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.l) minn 1 sa 6.F.l) 4.

[2] I-limitazzjoni orizzontali tapplika fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi tal-port, servizzi awżiljarji oħra għat-trasport marittimu li jirrikjedu l-użu tal-ispazju pubbliku u s-servizzi tal-imbuttar u l-irmunkar.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
f) Servizzi Marittimi tad-Dispaċċ tal-Merkanzija g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7213) h) Servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7214) i) Servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu (parti minn CPC 745) j) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (inkluż forniment tal-ikel) (parti minn CPC 749)	HR: Mingħajr restrizzjonijiet għal c) Servizzi ta' Approvazzjoni Doganali, d) għal Servizzi tal-Istazzjon tal-Kontejners u Servizzi ta' Ħażna, e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima u f) Servizzi Marittimi ta' Dispaċċ tal-Merkanzija Għal a) Servizzi Marittimi ta' Maniġġjar tal-Merkanzija, b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ, j) Servizzi oħrajn ta' sostenn u awżiljari (inkluż forniment tal-ikel), h) Servizzi ta' l-imbuttar u l-irmunkar u i) Servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu: Ebda, ħlief li dik il-persuna ġuridika barranija hija meħtieġa li tistabbilixxi kumpanija fil-Kroazja li għandha tingħata konċessjoni mill-awtorità tal-port, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti pubblika. In-numru ta' fornituri jista' jkun limitat li jirrifletti l-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-port. SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu approvazzjoni doganali. FI: Is-servizzi ta' mbuttar u rmunkar jistgħu jingħataw biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet interni tal-ilma[1] a) Servizzi ta' maniġġjar tat-tagħbija (parti minn CPC 741) b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748)	UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li ġew wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza fir-rigward tal-pussess. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni Mannheim dwar it-Tbaħħir fir-Rhine. AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttar u rmunkar u servizzi ta' appoġġ għat-trasport fl-ilmijiet interni. AT: Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità sabiex tiġi stabbilita kumpanija tat-tbaħħir minn persuni fiżiċi. Fil-każ ta' stabbiliment ta' persuna ġuridika, il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-bord maniġerjali u l-bord superviżorju. Kumpanija rreġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija hija meħtieġa. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-ishma tan-negozju jridu jkunu għand ċittadini taż-ŻEE.

[1] Il-limitazzjoni orizzontali tapplika fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi tal-port, servizzi awżiljarji oħra għat-trasport marittimu li jirrikjedu l-użu tal-ispazju pubbliku u s-servizzi tal-imbuttar u l-irmunkar.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
d) Kiri ta’ Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7223) e) Servizzi ta’ mbuttar u rmunkar (CPC 7224) f) Servizzi ta’ sostenn għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni (parti minn CPC 745) g) Servizzi ta’ sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal disgħa u erbgħin fil-mija. HR: Mingħajr restrizzjonijiet. HU: Il-parteċipazzjoni tal-Istat tista’ tkun rikjesta fi stabbiliment. FI: Is-servizzi ta’ mbuttar u rmunkar jistgħu jingħataw biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża. SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu approvazzjoni doganali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-ferrovija[1] a) Servizzi ta' maniġġjar tat-tagħbija (parti minn CPC 741) b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748) d) Servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7113)	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal disgħa u erbgħin fil-mija. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għal d) servizzi ta' mbuttar u rmunkar. SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu approvazzjoni doganali.

[1] Il-limitu orizzontali dwar l-utilitajiet pubbliċi japplika meta s-servizzi jkunu jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
e) Servizzi ta' sostenn għat-trasport bil-ferrovija (CPC 743) f) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	
D. Servizzi awżiljari għat-trasport fuq l-art[1] a) Servizzi ta' maniġġjar tat-tagħbija (parti minn CPC 741) b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748)	AT: Għal kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq bl-operaturi, awtorizzazzjoni tista' tkun mogħtija biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal disgħa u erbgħin fil-mija. FI: Għal kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq bl-operaturi, awtorizzazzjoni meħtieġa, mhux estiża għal vetturi rreġistrati barra. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għall d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi. SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu approvazzjoni doganali.

[1] Il-limitu orizzontali dwar l-utilitajiet pubbliċi japplika meta s-servizzi jkunu jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
d) Kiri ta’ Vetturi Kummerċjali tat-triq bl-Operaturi (CPC 7124) e) Servizzi ta’ sostenn għas-servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 744) f) Servizzi ta’ sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	
E. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru	

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
a) Servizzi fuq l-art (inkluż il-catering)	UE: L-ebda, għajr li: – l-impenji huma soġġetti għar-reċiproċità; – il-kategoriji tal-attivitajiet jiddependu mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba l-limitu ta' spazju disponibbli u għal mhux inqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). HR: Mingħajr restrizzjonijiet.
b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742)	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). PL: Għal servizzi ta' ħżin ta' oġġetti ffriżati jew imkessħin u Servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet, il-kategoriji tal-attivitajiet jiddependu mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba l-limitu ta' spazju disponibbli u għal mhux inqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra.
c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748)	BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). HU: Mingħajr restrizzjonijiet. SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu approvazzjoni doganali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
d) Kiri ta’ inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ (CPC 734)	UE: Inġenji tal-ajru użati minn operaturi tal-UE jridu jkunu rreġistrati fl-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur, jew xi mkien ieħor fl-UE. L-inġenju tal-ajru jrid ikun proprjetà ta’ persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi ta’ nazzjonalità jew ta’ persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi dwar is-sjieda ta’ kapital u kontroll (inkluża n-nazzjonalità tad-diretturi). Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta’ lokazzjoni fil-qosor jew f’cirkostanzi eċċezzjonali. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).
e) Bejgħ u Kummerċjalizzazzjoni	UE: Obbligi speċifiċi għall-investituri li joperaw is-sistemi ta’ riżervazzjoni permezz tal-kompjuter li huma proprjetà ta’ jew ikkontrollati minn operaturi tal-ajru. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).
f) Sistema ta’ Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter	UE: Obbligi speċifiċi għall-investituri li joperaw is-sistemi ta’ riżervazzjoni permezz tal-kompjuter li huma proprjetà ta’ jew ikkontrollati minn operaturi tal-ajru. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
g) Ġestjoni tal-ajruporti[1]	UE: l-impenji huma soġġetti għar-reċiproċità. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). PL: Parteċipazzjoni barranija hi limitata għal disagħa u erbgħin fil-mija. HR: Mingħajr restrizzjonijiet
F. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[2] a) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ ta' oġġetti għajr il-fjuwil ittrasportat bil-pipeline[3] (parti minn CPC 742)	Ebda.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pipeline jinstabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.C.

[3] Japplikaw il-limitazzjonijiet orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
18. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA	
A. Servizzi Relatati mal-Minjieri[1] (CPC 883)[2]	Ebda.

[1] Japplikaw il-limitazzjonijiet orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Tinkludi s-servizzi segwenti mogħtija b'tariffa jew fuq bażi kuntrattwali: Servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza dwar it-tħaffir tal-minjieri, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni ta' l-impjanti tat-tħaffir (rigs) fuq l-art, it-tħaffir, is-servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-casing u tat-tubi tat-tħaffir, l-inġinerija tat-tajn u l-provvista, il-kontroll ta' materjal solidu, l-operazzjonijiet speċjali ta' rkupru u fil-fond tal-bjar, il-ġeoloġija tas-siti tal-bjar u l-kontroll tat-tħaffir, it-teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, l-ittestjar tal-bjar, is-servizzi wireline, il-forniment u t-tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), il-forniment u l-installazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, is-cementing (l-ippumpjar taħt pressjoni), is-servizzi ta' stimulazzjoni (it-tixqiq, l-aċidifikar u l-ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' workover u ta' tiswija tal-bjar, l-issiġillar u l-abbandunar tal-bjar.
Ma tinkludix l-aċċess dirett għar-riżorsi naturali jew l-isfruttar tagħhom.
Ma tinkludix xogħol ta' preparazzjoni fuq is-sit għat-tħaffir għal riżorsi minbarra ż-żejt u l-gass (CPC 5115), li jinstab taħt 8. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Trasport tal-fjuwils bil-pipeline[1] (CPC 7131)	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet.
C. Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ ta' fjuwils ittrasportati bil-pipeline[2] (parti minn CPC 742)	PL: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).
D. Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' fjuwils solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati (CPC 62271) u servizzi kummerċjali bl-ingrossa tal-elettriku, il-fwar u l-misħun[3]	UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun.

[1] Japplikaw il-limitazzjonijiet orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[3] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Servizzi bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni (CPC 613) F. Bejgħ bl-imnut ta' żejt tal-fjuwil, gass fiċ-ċilindri, faħam u njam (CPC 63297) u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux bottiljat), fwar u misħun[1]	UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku, gass (mhux fiċ-ċilindri), fwar u misħun. BE, BG, DK, FR, IT, MT, PT: Għal bejgħ bl-imnut ta' żejt għall-fjuwil, faħam u njam, l-awtorizzazzjoni għal kumplessi kummerċjali (fil-każ ta' FR biss għal kumplessi kbar) hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' ħwienet eżistenti u l-impatt fuqhom stess, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.
G. Servizzi relatati mad-distribuzzjoni tal-enerġija[2] (CPC 887)	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, HU, IT, LU, LT, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għajr għal servizzi ta' konsulenza, fejn: ebda SI: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni ta' gass, fejn: l-ebda.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Ħlief għal servizzi ta' konsulenza, tapplika l-limititajoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
19. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI BANDA OĦRA	
a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Kkulurar (CPC 9701)	Ebda.
b) Servizzi tax-Xagħar (CPC 97021)	IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati fuq bażi ta' trattament nazzjonali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta japplika, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' impriżi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' negozji eżistenti.
c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura (CPC 97022)	IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati fuq bażi ta' trattament nazzjonali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta japplika, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' impriżi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' negozji eżistenti.
d) Servizzi oħra ta' trattament estetiku mhux ikklassifikati x'imkien ieħor. (CPC 97029)	IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati fuq bażi ta' trattament nazzjonali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta japplika, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' impriżi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' negozji eżistenti.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' riabilitazzjoni[1] [2] (CPC ver. 1.0 97230)	Ebda.
Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7543)	Ebda.

[1] Servizzi ta' massaġġi terapewtiċi u ta' kura termali jinstabu taħt 6.A.h) Servizzi mediċi, 6.A.j) 2 Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u ħaddiema paramediċi u servizzi tas-saħħa (13.A u 13 C).

[2] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi ta' Spa u massaġġi mhux terapewtiċi pprovduti fil-qasam tal-utilità pubblika bħal ċerti sorsi tal-ilma.

ANNESS V

(Anness II tal-Ftehim)

LISTA TA’ IMPENJI RELATATI MAL-PROVVISTA TRANSFRUNTIERA TA’ SERVIZZI

TAQSIMA A

IL-PARTI TAL-UE

1. Il-lista ta’ impenji li tinsab hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi li ġew liberalizzati skont l-Artikolu 172 ta’ dan il-Ftehim u, permezz ta’ riżervi, il-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u għat-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u l-forniturі ta’ servizzi tar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali f’dawn is-setturi. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) L-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur li l-Parti tieħu impenn fih, u l-kamp ta’ applikazzjoni liberalizzat li għalih japplikaw ir-riservi;

   (b) It-tieni kolonna tiddeskrivi r-riżervi applikabbli.

Meta l-kolonna msemmija f'(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jkunu ħadu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (N.B. in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu mingħajr ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw).

Il-forniment transfruntier ta' servizzi fis-setturi jew fis-sottosetturi koperti b'dan il-Ftehim u li mhumiex imsemmija fil-lista li tinsab hawn taħt mhuwiex suġġett għal impenji.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) CPC tfisser il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti (Central Products Classification) kif stabbilit mill-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Dokumenti dwar l-Istatistika, is-Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991;

(b) CPC ver. 1.0 tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali kif stabbilit mill-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Dokumenti dwar l-Istatistika, is-Serje M, Nru 77, CPC ver. 1.0, 1998.

3. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri għal-liċenzjar meta dawn ma jikkostitwixxux aċċess għas-suq jew limitazzjoni għat-trattament nazzjonali fit-tifsira tal-Artikoli 170 u 171 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati, l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-forniturи ta' servizzi tar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali.

4. Il-lista ta’ hawn taħt hija bla ħsara għall-fattibbiltà tal-Mod 1 f’ċerti setturi jew subsetturi ta’ servizzi u bla ħsara għall-eżistenza ta’ monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritt fil-lista ta’ impenji dwar l-istabbiliment.

5. Skont l-Artikolu 159, il-paragrafu 3 ta’ dan il-Ftehim, il-lista ta’ hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta’ impenji ma għandu jkollhom l-ebda effett ta’ eżekuzzjoni awtomatika, u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew lil persuni ġuridiċi individwali.

7. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw fil-lista li tinsab hawn taħt:

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
ES	Spanja
EE	L-Estonja
UE	L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
EL	Il-Greċja

HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SK	Ir-Repubblika Slovakka
SI	Is-Slovenja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Propjetà immobbli Għall-Modalitajiet 1 u 2 AT, BG, CY, CZ, DK, EE, EL, FI, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Restrizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' art u ta' proprjetà immobbli minn investituri barranin[1].
1. SERVIZZI TAN-NEGOZJU	
A. Servizzi Professjonali	

[1] Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
a) Servizzi legali (CPC 861)[1] mhumiex inklużi servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħrajn	Għal Modalità 1 u 2 AT, CY, ES, EL, LT, MT, SK: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. Fil-BE, japplikaw kwoti biex wieħed jidher quddiem il-"Cour de cassation" f'każijiet mhux kriminali.

[1] Jinkludu servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali. Il-forniment ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġuriżdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew l-impjegati tiegħu jkunu kkwalifikati biex jipprattikaw bħala avukati, u, bħall-forniment ta' servizzi oħra, ikun soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzja li japplikaw fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn jistgħu, fost oħrajn, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċijiet lokali ta' etika, mat-titolu tal-oriġini (sakemm ma jinkisibx ir-rikonoxximent tat-titolu tal-pajjiż ospitanti), mar-rekwiżiti ta' assigurazzjoni, mar-reġistrazzjoni sempliċi mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti jew mal-ammissjoni ssimplifikata mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-kapaċitajiet u tad-domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Fil-prinċipju, is-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom jitwettqu minn jew permezz ta' avukat kompletament ikkwalifikat li ġie ammess fl-Avukatura tal-UE huwa u jaġixxi b'mod personali, u s-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jitwettqu minn jew permezz ta' avukat kompletament ikkwalifikat ammess fl-Avukatura ta' dak l-Istat Membru, huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura tal-Istat Membru relevanti tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-Qrati u quddiem awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE, billi tinvolvi l-prattika tal-liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-avukati barranin li ma jkunux kompletament ammessi fl-avukatura jistgħu jirrappreżentaw, fi proċedimenti ċivili, parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	BG: Avukati barranin jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentazzjoni legali ta' ċittadin tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom u soġġetti għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa r-residenza permanenti. FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għall-kwoti u għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-prattika tal-liġi Kroata. HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hi soġġetta għall-Kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali hu limitat għall-forniment ta' pariri legali. LV: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal avukati bil-liċenzja, li għalihom ir-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali hi riżervata. DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' pariri legali hija riżervata għal avukati b'liċenzja tal-prattika Daniża u għal uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka. Ir-rekwiżit tal-eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża. SE: Is-sħubija fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa biss għall-użu tat-titolu Żvediż "advokat", hija suġġetta għar-rekwiżit tar-residenza.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) 1. Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra “servizzi ta’ awditjar”, CPC 86213, CPC 86219u CPC 86220)	Għall-Modalità 1 FR, HU, IT, MT, RO, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. AT: Il-kundizzjoni ta’ nazzjonalità għar-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet kompetenti. Għal Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) 2. Servizzi ta’ awditjar (CPC 86211 u 86212 ħlief is-servizzi ta’ kontabilità)	Għall-Modalità 1 BE, BG, CY, DE, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. AT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq tal-awditjar previst f’liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (pereżempju l-liġi dwar il-kumpaniji b’ishma konġunti, il-liġi dwar il-borża, il-liġi bankarja, eċċ.). HR: Kumpaniji ta’ kontabbilità barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta’ awditjar fit-territorju Kroat fejn ikollhom fergħa stabbilita. SE: Awdituri approvati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi legali tal-awditjar f’ċerti entitajiet ġuridiċi, fost oħrajn fil-kumpaniji b’responsabbiltà limitata kollha. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu sidien tal-ishma jew jiffurmaw soċjetajiet f’kumpaniji li jipprattikaw awditjar kwalifikat (għal raġunijiet uffiċjali). Residenza meħtieġa għall-approvazzjoni. LT: Ir-rapport tal-awditur irid ikun ippreparat flimkien ma’ awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
c) Servizzi ta’ Pariri dwar it-Taxxa (CPC 863)[1]	Għall-Modalità 1 AT: Il-kundizzjoni ta’ nazzjonalità għar-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet kompetenti. CY: L-aġenti tat-taxxa jridu jkunu awtorizzati kif xieraq mill-Ministeru tal-Finanzi. L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji użati huma analogi għal dawk li jagħtu permess għall-investiment barrani (elenkati fis-sezzjoni orizzontali), peress li japplikaw għal dan is-subsettur, billi dejjem tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur BG, MT, RO u SI: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.

[1] Mhumiex inklużi s-servizzi ta’ pariri legali u ta’ rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt 1.A.a). Servizzi legali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
d) Servizzi ta’ arkitettura u e) Ippjanar urban u servizzi arkitettoniċi ta’ pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)	Għall-Modalità 1 AT: Mingħajr restrizzjonijiet minbarra għal servizzi ta’ ppjanar. BE, BG, CY, EL, IT, MT, PL, PT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. DE: L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali fuq pagamenti u s-salarji għas-servizzi kollha li huma mwettqa barra. HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jipprovdu servizzi arkitettoniċi wara approvazzjoni mill-Kamra tal-Periti Kroata. Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jiġi rikonoxxut (validat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tagħha mal-Liġi Kroata. Mingħajr restrizzjonijiet għal ippjanar urban. HU, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
A. Servizzi ta' Divertiment (inklużi s-Servizzi ta' Teatru, Gruppi li Jdoqqu Live, Ċirku u Diskoteki) (CPC 9619)	Għall-Modalità 1 BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 CY, CZ, FI, HR, MT, PL, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. BG: Mingħajr restrizzjonijiet, għajr għal servizzi ta' divertiment ta' produtturi teatrali, gruppi tal-kant, baned u orkestri (CPC 96191); servizzi pprovduti minn awturi, kompożituri, skulturi, u artisti individwali oħra(CPC 96192); servizzi teatrali anċillari (CPC 96193). EE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi oħrajn ta' divertiment (CPC 96199), għajr għal servizzi ta' swali taċ-ċinema. LT, LV: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' operat tas-swali taċ-ċinema (parti minn CPC 96199).
B. Servizzi tal-Aħbarijiet u Aġenziji tal-Istampa (CPC 962)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Biblijoteki, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra (CPC 963)	Għall-Modalità 1 BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet.
D. Sevizzi sportivi (CPC 9641)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 AT: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' skejjel tal-iskijjar u gwidi fuq il-muntanji. BG, CZ, HR, LV, MT, PL, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 1 CY, EE: Mingħajr restrizzjonijiet.
E. Servizzi tal-ġonna rikreattivi u x-xtajtiet (CPC 96491)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
11. SERVIZZI TAT-TRASPORT	
A. Trasport Marittimu a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 eskluż il-kabottaġġ nazzjonali). b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 eskluż il-kabotaġġ nazzjonali)[1]	Għal Modalità 1 u 2 BG, CY, DE, EE, ES, FR, FI, EL, IT, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI u SE: Servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) bl-awtorizzazzjoni.

[1] Jinkludi servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) u moviment tat-tagħmir minn fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali bejn portijiet li jinsabu fl-istess Stat fejn ma hemmx dħul finanzjarju involut.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Trasport bil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7221) b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7222)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li ġew wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza fir-rigward tal-pussess. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni Mannheim dwar it-Tbaħħir fir-Rhine. AT: Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità sabiex tiġi stabbilita kumpanija tat-tbaħħir minn persuni fiżiċi. Fil-każ ta' stabbiliment bħala persuna ġuridika, kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali, il-bord maniġerjali u l-bord superviżorju. Kumpanija rreġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija huma meħtieġa. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-ishma tan-negozju jridu jkunu għand ċittadini tal-UE. BG, CY, CZ, EE, FI, HR, HU, LT, MT, RO, SE, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Trasport bil-ferrovija a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7111) b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.
D. Trasport fuq l-art a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122) b) Trasport ta' merkanzija (CPC 7123, għajr il-ġarr ta' oġġetti postali għall-kont proprju[1])	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.

[1] Parti minn CPC 71235, li tinstab fis-SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI taħt 2.A. Servizzi postali u ta' kurier.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. It-trasport bil-pajplajn ta' prodotti li mhumiex fjuwil[1] (CPC 7139)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet.
12. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT[2]	

[1] It-trasport ta' fjuwils bil-pipelines jinstab taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 13.B.

[2] Ma jinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 1.F.l) minn 1 sa 1.F.l) 4.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
A. Servizzi awżiljarji għat-Trasport Marittimu a) Servizzi Marittimi ta' Maniġġjar tat-Tagħbija b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi ta' Approvazzjoni Doganali d) Stazzjoni tal-Kontejners u Servizzi ta' Ħażna e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima f) Servizzi marittimi ta' dispaċċ tal-merkanzija g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7213) h) Servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7214)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' approvazzjoni doganali u għal servizzi bħala stazzjon u depot tal-kontejners. AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija marittima. AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ. AT, BE, BG, CY, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttar u rmunkar. AT, BG, CY, CZ, DE, EE, HU, LT, MT, PL, RO, SK, SI, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' aġenżiji tat-trasport tal-merkanzija, CPC 748. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
i) Servizzi ta’ sostenn għat-trasport marittimu (parti minn CPC 745) j) Servizzi ta’ sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	
B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet interni tal-ilma a) Servizzi ta’ maniġġjar tat-tagħbija (parti minn CPC 741) b) Servizzi ta’ ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748) d) Kiri ta’ Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7223)	Għal Modalità 1 u 2 UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li ġew wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube) li jirriżervaw xi drittijiet tat-traffiku għal operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati u li jilħqu l-kriterji nazzjonali dwar is-sjieda. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni Mannheim dwar it-Tbaħħir fir-Rhine. UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta’ mbuttar u rmunkar. HR: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 1 AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HU, LV, LT, MT, RO, SK, SI, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-kiri ta’ bastimenti bl-ekwipaġġ.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
e) Servizzi ta’ mbuttar u rmunkar (CPC 7224) f) Servizzi ta’ sostenn għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni (parti minn CPC 745) g) Servizzi ta’ sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-ferrovija a) Servizzi ta’ maniġġjar tat-tagħbija (parti minn CPC 741) b) Servizzi ta’ ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748) d) Servizzi ta’ mbuttar u rmunkar (CPC 7113) e) Servizzi ta’ sostenn għat-trasport bil-ferrovija (CPC 743) f) Servizzi ta’ sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta’ mbuttar u rmunkar. HR: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal c) servizzi tal-aġenżija tat-trasport tal-merkanzija Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Servizzi awżiljarji għat-Trasport fuq l-Art a) Servizzi ta' maniġġjar tat-tagħbija (parti minn CPC 741) b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742) c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748) d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-triq bl-Operaturi (CPC 7124) e) Servizzi ta' sostenn għas-servizzi tat-trasport fit-triq (CPC 744) f) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għall-Modalità 1 AT, BG, CY, CZ, EE, HU, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi. HR: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal c) servizzi ta' aġenżija tat-trasport tal-merkanzija u e) servizzi ta' sostenn għal trasport fit-triq li huma soġġetti għal permess. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru	
a) Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art (inkluż is-servizzi tal-catering)	Għal Modalità 1 u 2 UE: Mingħajr restrizzjonijiet, għajr għall-catering.
b) Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ (parti minn CPC 742)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Ebda.
c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Ebda.
d) Kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ (CPC 734)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 UE: L-inġenji tal-ajru użati mill-operaturi tal-ajru tal-UE jridu jkunu rreġistrati fl-Istat Membru li jagħti l-liċenzja lill-operatur tal-ajru, jew inkella xi mkien ieħor fl-UE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' lokazzjoni fil-qosor jew f'cirkostanzi eċċezzjonali.
e) Bejgħ u Kummerċjalizzazzjoni f) Sistema ta' Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter	Għall-Modalitajiet 1 u 2 UE: Obbligi speċifiċi għall-forniturі tas-servizzi li joperaw sistemi ta' riserva bil-kompjuter li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn operaturi tal-ajru.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
g) Ġestjoni tal-ajruporti	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.
F. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[1] Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ ta' prodotti minbarra l-fjuwil ittrasportat bil-pajpijiet (parti minn CPC 742)	Għall-Modalità 1 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.

[1] Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 13.C.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
13. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA	
A. Servizzi Relatati mat-Tħaffir tal-Minjieri (CPC 883)[1]	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Ebda.
B. Trasport tal-fjuwil bil-pipeline (CPC 7131)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet.

[1] Inklużi s-servizzi segwenti mogħtija b'tariffa jew fuq bażi kuntrattwali: servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza dwar l-estrazzjoni, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir (rigs) fuq l-art, it-tħaffir, is-servizzi tal-golji tat-tħaffir, is-servizzi tal-casing u tat-tubi tat-tħaffir, l-inġinerija tat-tajn u l-provvista, il-kontroll ta' materjal solidu, l-operazzjonijiet speċjali ta' rkupru u fil-fond tal-bjar, il-ġeoloġija tas-siti tal-bjar u l-kontroll tat-tħaffir, it-teħid ta' kampjuni mill-art, l-ittestjar tal-bjar, is-servizzi fuq il-kejbils, il-forniment u t-tħaddim tal-fluwidi għat-tlestija (salmuri), il-forniment u l-installazzjoni tat-tagħmir għat-tlestija, is-simentazzjoni (l-ippumpjar taħt pressjoni), is-servizzi ta' stimulazzjoni (it-tixqiq, l-aċidifikar u l-ippumpjar taħt pressjoni), is-servizzi ta' rikondizzjonar u ta' tiswija tal-bjar, l-issiġillar u l-abbandun tal-bjar.
Mhux inkluż l-aċċess dirett għar-riżorsi naturali jew l-isfruttar tagħhom.
Mhux inkluż xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għall-estrazzjoni ta' riżorsi li mhumiex żejt jew gass (CPC 5115), li jinsab fil-punt 3. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta' ħżin u magażżinaġġ ta' fjuwil trasportat bil-pipeline (parti minn CPC 742)	Għall-Modalità 1 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.
D. Is-Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' fjuwils solidi, likwidi u gassużi u l-prodotti relatati (CPC 62271) u servizzi kummerċjali bl-ingrossa tal-elettriku, il-fwar u l-misħun	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun. Għall-Modalità 2 Ebda.
E. Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni (CPC 613)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Bejgħ bl-imnut ta' żejt kombustibbli, gass fiċ-ċilindri, faħam u injam (CPC 63297) u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fiċ-ċilindri), fwar u miswun	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux bottiljat), fwar u miswun. BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SK, UK: Għal bejgħ bl-imnut ta' żejt kombustibbli, gass fiċ-ċilindri, faħam u injam, mingħajr restrizzjonijiet għajr għall-bejgħ bil-korrispondenza fejn: l-ebda. Għall-Modalità 2 Ebda.
G. Servizzi relatati mad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet għajr għal servizzi ta' konsulenza fejn: l-ebda. Għall-Modalità 2 Ebda.
14. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI BANDA OĦRA	
a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Kkulurar (CPC 9701)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) Servizzi tax-Xagħar (CPC 97021)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.
c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura (CPC 97022)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.
d) Servizzi oħra ta' trattament estetiku mhux ikklassifikati x'imkien ieħor. (CPC 97029)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' riabilitazzjoni[1] (CPC ver. 1.0 97230)	Għall-Modalità 1 UE: Mingħajr restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ebda.
f) Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7543)	Għal Modalità 1 u 2 Ebda.

[1] Massaġġi terapewtiċi u servizzi ta' kura termali jinsabu taħt 1.A.h). Servizzi mediċi, 1.A.j).2. Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u ħaddiema paramediċi, u servizzi tas-saħħa (8.A u 8.C).

ANNESS VI

(Anness II tal-Ftehim)

LISTA TA' RIŻERVI DWAR PERSUNAL EWLIENI
U APPRENDISTI GRADWATI TAL-PARTI TAL-UE

1. Il-lista ta' riżervi ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 166 ta' dan il-Ftehim li għalihom japplikaw il-limitazzjonijiet fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 174 ta' dan il-Ftehim, u tispeċifika dawn il-limitazzjonijiet. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) L-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn japplikaw il-limitazzjonijiet;

   (b) It-tieni kolonna li tiddeskrivi l-limiti applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija f'(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jkunu ħadu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (N.B. in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu mingħajr ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw).

   L-UE u l-Istati Membri tagħha ma jieħdu l-ebda impenn f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mingħajr restrizzjonijiet) għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 166 ta' dan il-Ftehim.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fid-Dokumenti Statistiċi, is-Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti;

(b) CPC (Central Product Classification) tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stipulat fid-Dokumenti Statistiċi, is-Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) CPC ver. 1.0 tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali kif stabbilit mill-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Dokumenti dwar l-Istatistika, is-Serje M, Nru 77, CPC ver. 1.0, 1998.

3. Impenji fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati ma japplikawx f'każijiet meta l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom tkun ta' interferenza jew meta jaffettwaw b'mod ieħor ir-riżultat aħħari ta' kwistjoni jew negozjar relatata max-xogħol/il-ġestjoni.

4. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 174 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi rregolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li wieħed ikollu domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività eknomika), anke jekk mhumiex elenkati hawn taħt, japplikaw f'kull każ għall-persunal ewlieni u għall-apprentisti ggradwati tal-Parti l-oħra.

5. Skont l-Artikolu 159, il-paragrafu 3 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.

6. Ir-rekwiżiti kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti tal-UE rigward miżuri ta' dħul, residenza, impjieg u sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inkluż ir-regolamenti dwar il-perjodu ta' residenza, il-paga minima, kif ukoll ftehimiet kollettivi dwar is-salarju, anke jekk dawn ma jkunux elenkati hawn taħt.

7. Il-lista ta' hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-eżistenza tal-monopolji pubbliċi u d-drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

8. F'dawk is-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin se jkunu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni relevanti tas-suq fl-Istat Membru jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward ta' l-għadd ta' forniturі eżistenti tas-servizz u l-impatt fuqhom.

9. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riżervi ma għandu jkollhom l-ebda effett ta' awtoeżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

10. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw fil-lista li tinsab hawn taħt:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
ES	Spanja
EE	L-Estonja
UE	L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
EL	Il-Greċja
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SK	Ir-Repubblika Slovakka
SI	Is-Slovenja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi BG, HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi hu meħtieġ għal apprendisti gradwati.
IS-SETTURI KOLLHA	L-ambitu tat-trasferimenti intrakorporatorji BG: L-għadd ta' persuni bi trasferiment intrazjendali ma għandux jaqbeż l-għaxra fil-mija tal-għadd medju annwali taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara rispettiva: Fejn inqas minn mitt persuna huma impjegati, l-għadd ta' persuni bi trasferiment intrazjendali jista', soġġett għall-awtorizzazzjoni, jaqbeż l-għaxra fil-mija. HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal persuni fiżiċi li kienu sħab ma' persuna ġuridika tal-Parti l-oħra.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Diretturi maniġerjali u awdituri AT: Diretturi maniġerjali ta' fergħat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; persuni fiżiċi responsabbli f'persuna ġuridika jew fergħa għall-osservazzjoni tal-Att Awstrijak dwar in-Negozju jridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija. FI: Barrani involut fil-kummerċ bħala intraprenditur privat jeħtieġ permess kummerċjali u għandu jkun resident permanenti fl-UE. Għas-setturi kollha, minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjoni, il-Kundizzjoni tan-nazzjonalità u r-rekwiżit tar-residenza għad-direttur maniġerjali ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, residenza permanenti għad-direttur maniġerjali. FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrijali, kumerċjali jew artiġjanali, jekk mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika. RO: Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni. SE: Id-direttur maniġerjali ta' persuna ġuridika jew ta' fergħa għandu jirrisjedi fl-Iżvezja.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	Rikonoxximent UE: Id-Direttivi tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi japplikaw biss għal ċittadini tal-UE. Id-dritt li persuna tipprattika servizz professjonali rregolat fi Stat Membru ma jiggarantix dritt awtomatiku li din tkun tista' tagħmel l-istess fi Stat Membru ieħor[1].
IS-SETTURI KOLLHA	Apprentisti gradwati Għal AT, DE, ES, FR, HU, it-taħriġ irid ikun marbut ma' lawrja universitarja miksuba diġà.
4. MANIFATTURA[2]	

[1] Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkwistaw rikkonoxximent mal-UE kollha tal-kwalifiki tagħhom, jeħtieġ li jiġi nnegozjat Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku fi ħdan il-qafas definit fl-Artikolu 85 ta' dan il-Ftehim.

[2] Dan is-settur ma jinkludix servizzi ta' konsulenza relatti mal-manifattura, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.h).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
H Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata (ISIC rev 3.1: 22), minbarra l-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt[1]	HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikaturi. IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-pubblikatur. PL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-editur kap ta' gazzetti u ġurnali. SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar.
6. SERVIZZI TAN-NEGOZJU	
A. Servizzi Professjonali	

[1] Il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.p).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
a) Servizzi legali (CPC 861)[1]	AT, CY, ES, EL, LT, MT, RO, SK: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Għal ES, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet.

[1] Jinkludu servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali. L-għoti ta' servizzi ġuridiċi huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew il-persunal tiegħu jkunu kwalifikati bħala avukati, u bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għar-rekwiżiti ta' liċenzja u għall-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn l-obbligi u proċeduri jista' jkollhom, *inter alia* l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-oriġini (sakemm ma jkunx inkiseb rikonoxximent mat-titolu ospitanti), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitanti jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-aptitudni u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Fil-prinċipju, is-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-Avukatura tal-UE huwa u jaġixxi personalment, u s-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jitwettqu minn avukat kompletament ikkwalifikat, jew permezz tiegħu, li jkun ammess fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru waqt li jaġixxi fuq bażi personali. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u quddiem awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE, billi dan jinvolvi l-prattika tal-liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-avukati barranin li ma jkunux kompletament ammessi fl-Avukatura jkunu awtorizzati jirrappreżentaw, fi proċedimenti ċivili, parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
mhumiex inklużi servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħrajn	BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. Fil-BE, japplikaw kwoti biex wieħed jidher quddiem il-"Cour de cassation" f'każijiet mhux kriminali. BG: Avukati barranin jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentazzjoni legali ta' ċittadin tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom u soġġetti għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa r-residenza permanenti. FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għall-kwoti u għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. HR: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hi soġġetta għall-Kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali hu limitat għall-provviżjoni tal-parir legali, li għandha sseħħ fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kollaborazzjoni konkluż ma' avukat Ungeriż jew uffiċċju legali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	LV: Ir-rekwiżit ta’ nazzjonalità għal avukati bil-liċenzja, li għalihom ir-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali hi riżervata. DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ pariri legali hija riżervata għal avukati b’liċenzja tal-prattika Daniża. Ir-rekwiżit tal-eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża. LU: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-għoti ta’ servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Lussemburgu u tal-UE. SE: Is-sħubija fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa biss għall-użu tat-titolu Żvediż “advokat”, hija suġġetta għar-rekwiżit tar-residenza.
b) 1. Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra “servizzi ta’ awditjar”, CPC 86213, CPC 86219u CPC 86220)	FR: Għoti ta’ servizzi ta’ kontabilità u żamma tal-kotba tiddependi minn deċiżjoni tal-Ministru tal-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija, bi ftehim mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin. Ir-rekwiżit tar-residenza ma jistax jaqbeż ħames snin.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) 2. Servizzi ta’ awditjar (CPC 86211 u 86212 ħlief is-servizzi ta’ kontabilità)	AT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq tal-awditjar previst f’liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (pereżempju l-liġi dwar il-kumpaniji b’ishma konġunti, il-liġi dwar il-borża, il-liġi bankarja, eċċ.). DK: Rekwiżit tar-residenza. ES: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-awdituri statutorji u l-amministraturi, id-diretturi u s-sħab ta’ kumpaniji minbarra dawk koperti mit-8 direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji. FI: Rekwiżit ta’ residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta’ kumpanija Finlandiża ta’ Responsabbiltà. EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-awdituri statutorji. IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-amministraturi, id-diretturi u s-sħab ta’ kumpaniji minbarra dawk koperti mit-8 direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji. Rekwiżit tar-residenza għall-awdituri individwali. SE: L-awdituri approvati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi legali ta’ awditjar f’ċerti entitajiet legali, li jinkludu l-kumpaniji limitati kollha. Hi meħtieġa r-residenza għall-approvazzjoni.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
c) Servizzi ta’ Pariri dwar it-Taxxa (CPC 863)[1]	AT: Il-kundizzjoni ta’ nazzjonalità għar-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet kompetenti. BG, SI: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-ispeċjalisti. HU: Rekwiżit ta’ residenza.
d) Servizzi ta’ arkitettura u e) Ippjanar urban u servizzi arkitettoniċi ta’ pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)	EE: Mill-anqas persuna waħda responsabbli (amministratur tal-proġett jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja. BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn. Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi ta’ ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ. EL, HR, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza.
f) Servizzi ta’ inġinerija u g) Servizzi ta’ inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	EE: Mill-anqas persuna waħda responsabbli (amministratur tal-proġett jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja. BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn. EL, HR, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza.

[1] Mhumiex inklużi s-servizzi ta’ pariri legali u ta’ rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt 6.A.a). Servizzi legali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
h) Servizzi Mediċi (inklużi l-psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	CZ, IT, SK: Rekwiżit tar-residenza. CZ, EE, RO, SK: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. BG, CY, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. DE: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità li tista' titneħħa f'każi eċċezzjonali ta' interess għas-saħħa pubblika. DK: Awtorizzazzjoni limitata għat-twettiq ta' funżjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' tmintax-il xahar u teħtieġ ir-residenza. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess huwa possibbli fi ħdan kwoti stabbiliti annwalment. LV: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ permess mill-awtorità tas-saħħa lokali, ibbażat fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba u dentisti f'reġjun partikolari. PL: Il-prattika tal-professjoni medika mill-barranin teħtieġ permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati sabiex jivvutaw fil-kmamar professjonali. PT: Rekwiżit tar-residenza għall-psikologi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
i) Servizzi veterinarji (CPC 932)	BG, CY, DE, EE, EL, FR, HR, HU, MT, SI: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità. CZ u SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza. IT: Rekwiżit tar-residenza. PL: Rekwiżit ta’ nazzjonalità Il-persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess sabiex jipprattikaw.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
j) 1. Servizzi tal-qwiebel (parti minn CPC 93191)	AT: Sabiex tistabbilixxi prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna konċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni inkwistjoni għal tliet snin qabel tistabbilixxi dik il-prattika professjonali. BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. CZ, CY, EE, RO, SK: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess huwa possibbli fi ħdan kwoti stabbiliti annwalment. HU: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità. IT: Rekwiżit tar-residenza. LV: Ħtiġijiet ekonomiċi determinati mill-għadd totali ta’ qwiebel fir-reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa. PL: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess sabiex jipprattikaw.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi (parti minn CPC 93191)	AT: Fornituri barranin tas-servizzi jitħallew jagħmlu l-attivitajiet li ġejjin biss: infermiera, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u tan-nutrizzjoni. Sabiex tistabbilixxi prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna konċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni inkwistjoni għal tliet snin qabel tistabbilixxi dik il-prattika professjonali. BE, FR, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. CY, CZ, EE, RO, SK: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. DK: Awtorizzazzjoni limitata għat-twettiq ta' funżjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' tmintax-il xahar u teħtieġ ir-residenza. CY, CZ, EL, IT: Suġġett għal test ta' ħtiġijiet ekonomiċi: id-deċiżjoni hija suġġetta għal pożizzjonijiet battala u skarsezzi reġjonali. LV: Ħtiġijiet ekonomiċi determinati min-numru totali ta' infermiera f'reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmacewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara[1]	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, fil-limiti tal-kwoti stabbiliti, l-aċċess għal ċittadini ta' pajjiż terz hu possibbli jekk il-fornitur tas-servizz għandu lawrea Franċiża fil-farmaċija. DE, EL, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. HU: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għajr għal bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi. (CPC 63211). IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.
D. Servizzi ta' Bejgħ ta' Proprjetà Immobbli[2]	
a) Li tinvolvi Proprjetà Proprja jew dik b'Lokazzjoni (CPC 821)	FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza. LV, MT, SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità.

[1] Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

[2] Is-servizz involut jikkonċerna l-professjoni tal-aġenti tal-proprjetà immobbli u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru proprjetà.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822)	DK: Rekwiżit tar-residenza sakemm ma jiġix eżentat mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Kumpaniji. FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza. LV, MT, SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità.
E. Servizzi ta' Kiri mingħajr Operaturi	
e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati. AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti.
f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	UE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u l-apprendisti gradwati.
F. Servizzi Oħrajn tan-Negozju	
e) Servizzi ta' Ttestjar Tekniku u ta' Analiżi (CPC 8676)	IT, PT: Rekwiżiti tar-residenza għall-bijologu u l-analist tal-kimika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
f) Servizzi ta’ Pariri u Konsulenza relatati mal-Agrikoltura, il-Kaċċa u l-Foresterija (parti minn CPC 881)	IT: Rekwiżiti tar-residenza għall-agronomisti u “periti agrari”.
j) 2. Servizzi ta’ Sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	BE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għal persunal amministrattiv. BG, CY, CZ, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza. DK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għal maniġers u servizzi ta’ gwardjani fl-ajruporti. ES, PT: Il-kundizzjoni ta’ ċittadinanza għal persunal speċjalizzat. FR: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għad-diretturi maniġerjali u d-diretturi. IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għas-servizzi ta’ gwardjani tas-sigurtà u t-trasport ta’ oġġetti ta’ valur.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
k) Servizzi relatati ma’ konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	BG: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-ispeċjalisti. DE: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għal periti tekniċi li ġejjin mis-settur pubbliku. FR: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għal operazzjonijiet ta’ perizja marbuta mat-twaqqif ta’ drittijiet tal-proprjetà u mal-liġi tal-art. IT, PT: Rekwiżit ta’ residenza.
l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta’ bastimenti (parti minn CPC 8868)	MT: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità.
l) 2. Manutenzjoni u Tiswija tat-Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	LV: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
l) 3. Manutenzjoni u Tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u Tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	UE: Għal manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles, kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u l-apprendisti gradwati.
l) 5. Servizzi ta' Manutenzjoni u Tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar[1] (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	UE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u l-apprendisti gradwati.
m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874)	CY, EE, MT, PL, RO, SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti.

[1] Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinsabu fi 6.F. l) 1 to 6.F.l) 4. Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinstabu f'6.B. Servizzi tal-kompjuters.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
n) Servizzi Fotografiċi (CPC 875)	HR, LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi fotografiċi ta' speċjalità. PL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-provvista ta' servizzi fotografiċi mill-ajru.
p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442)	HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikaturi. SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar.
q) Servizzi ta' konvenzjonijiet (parti minn CPC 87909)	SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità.
r) 1. Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretar (CPC 87905)	FI: Rekwiżit ta' residenza għat-tradutturi ċertifikati. DK: Rekwiżit tar-residenza għal tradutturi u interpreti pubbliċi awtorizzati, sakemm ma jitneħħiex mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Kumpaniji.
r) 3. Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir (CPC 87902)	BE, EL, IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
r) 4. Servizzi ta’ rappurtar tal-kreditu (CPC 87901)	BE, EL, IT: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità.
r) 5. Servizzi ta’ duplikazzjoni (CPC 87904)[1]	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-ispeċjalisti u l-apprendisti gradwati. LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-ispeċjalisti u kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA’ INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn.
9.SERVIZZI TA’ DISTRIBUZZJONI (għajr id-distribuzzjoni ta’ armi, munizzjon u materjal tal-gwerra)	

[1] Ma jinkludix servizzi ta’ stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F. p).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut[1]	
c) Servizzi ta' bejgħ tal-ikel bl-imnut (CPC 631)	FR: Kondizzjoni ta' nazzjonalità għal bejjiegħa tat-tabakk (jiġifieri l-buraliste).
10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja (CPC 921)	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu. IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-fornituri tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat. EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-għalliema.

[1] Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.B. u 6.F.l). Ma jinkludix servizzi bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija li jinstabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.E. u 18.F.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
